



# UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Strasburgu, 11 ta' Diċembru 2013  
(OR. en)

2011/0294 (COD)  
LEX 1407

PE-CONS 42/3/13  
REV 3

TRANS 316  
ECOFIN 533  
ENV 546  
RECH 265  
CODEC 1403

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR LINJI GWIDA TAL-  
UNJONI GĦALL-IŻVILUPP TAN-NETWERK TRANS-EWROPEW TAT-TRASPORT U LI  
JĦASSAR ID-DEĊIŻJONI NRU 661/2010/UE**

**REGOLAMENT (UE) NRU .../2013**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-11 ta' Diċembru 2013**

**dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li  
jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz ta' att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>2</sup>,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>3</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU 143, 22.5.2012, p. 130.

<sup>2</sup> ĠU 225, 22.7.2012, p. 150.

<sup>3</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2013 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2013

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> tfasslet mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza bid-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>.
- (2) L-ippjanar, l-iżvilupp u t-tħaddim tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' objettivi ewlenin tal-Unjoni, kif jinsabu, fost l-oħrajn, fl-Istrateġija Ewropa 2020 u fil-White Paper tal-Kummissjoni intitolata "Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (il-"White Paper"), bħall-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern u t-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. L-objettivi speċifiċi tagħhom jinkludu wkoll il-fatt li tkun permessa mobbiltà sostenibbli, sigura u mingħajr xkiel tal-persuni u l-merkanzija, li jiżguraw l-aċċessibbiltà u l-konnettività għar-reġjuni kollha tal-Unjoni, u jikkontribwixxu għal aktar tkabbir ekonomiku u kompetittività f'perspettiva globali. Dawk l-objettivi speċifiċi għandhom jintlaħqu bl-istabbiliment ta' interkonnessjonijiet u interoperabbiltà bejn in-netwerks nazzjonali tat-trasport b'użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi. Pereżempju, l-interoperabbiltà ferrovjarja tista' tissaħħaħ b'soluzzjonijiet innovattivi li jimmiraw li jtejbu l-kompatibbiltà bejn is-sistemi, bħal tagħmir abbord u linji ferrovjarji b'wesgħat differenti, flussi ta' informazzjoni u proċeduri.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-network tat-trasport trans-Ewropew (ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1).

<sup>2</sup> Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network tat-trasport trans-Ewropew (ĠU L 204, 5.8.2010, p. 1).

- (3) Iż-żieda fit-traffiku rriżultat f' aktar konġestjoni fit-trasport internazzjonali. Sabiex tiġi żgurata l-mobbiltà internazzjonali tal-passiġġieri u tal-merkanzija, il-kapaċità tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u l-użu ta' dik il-kapaċità għandhom jiġu ottimizzati u, fejn ikun meħtieġ, estiżi billi jitneħħew punti ta' konġestjoni fl-infrastruttura u jinħolqu konnessjonijiet nieqsa fl-infrastruttura fl-Istati Membri u bejniethom, u, fejn hu adatt, fil-pajjiżi ġirien u jittieħed kont tan-negozjati li għaddejjin ma' pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali.
- (4) Kif iddikjarat fil-White Paper, l-effiċjenza u l-effikaċja tat-trasport jistgħu jittejjbu b' mod sinifikanti billi tiġi żgurata integrazzjoni modali aħjar fin-netwerk kollu, f'termini ta' infrastruttura, flussi ta' informazzjoni u proċeduri.
- (5) Il-White Paper tirrikjedi l-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni relatata mat-trasport biex tiġi żgurata ġestjoni tat-traffiku mtejjba u integrata u biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi permezz ta' loġistika mtejjba tat-trasport tal-merkanzija, monitoraġġ u lokalizzazzjoni tal-merkanzija, u skedi u flussi tat-traffiku ottimizzati. Billi miżuri bħal dawn jippromwovu l-ġestjoni u l-użu effiċjenti tal-infrastruttura tat-trasport għandhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

- (6) Il-politika għan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għandha tikkunsidra l-evoluzzjoni tal-politika tat-trasport u s-sjieda tal-infrastruttura. L-Istati Membri għadhom l-entità ewlenija inkarigata mill-ħolqien u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport. Madankollu, entitajiet oħrajn, inklużi sħab fis-settur privat, saru rilevanti wkoll għall-implimentazzjoni ta' netwerk trans-Ewropew tat-trasport multimodali, u l-investimenti relatati, inklużi awtoritajiet reġjonali u lokali, manijers tal-infrastruttura, konċessjonarji jew awtoritajiet tal-portijiet u tal-ajruporti.
- (7) Fil-parti l-kbira tiegħu, in-netwerk trans-Ewropew tat-trasport jikkonsisti f'infrastruttura eżistenti. Sabiex jintlaħqu b'mod sħiħ l-oġettivi tal-politika l-ġdida għan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti uniformi dwar l-infrastruttura f'Regolament sabiex l-infrastruttura tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport tikkonforma magħhom.
- (8) In-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għandu jiġi żviluppat permezz tal-ħolqien ta' infrastruttura ġdida tat-trasport, permezz tar-riabilitazzjoni u t-titjib tal-infrastruttura eżistenti u permezz ta' miżuri li jipromwovu l-użu effiċjenti tiegħu mil-lat ta' riżorsi. F'każijiet speċifiċi, minħabba n-nuqqas ta' manutenzjoni regolari fl-imġhoddi, hija neċessarja r-riabilitazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja. Ir-riabilitazzjoni hija proċess li jwassal għall-kisba tal-parametri tal-kostruzzjoni oriġinali ta' faċilitajiet infrastrutturali ferrovjarji eżistenti kkumbinat mat-titjib fit-tul tal-kwalità tagħha meta mqabbla mal-istat attwali tiegħu f'konformità mal-applikazzjoni tar-rekwiżiti u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

- (9) Fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni, għandha tingħata konsiderazzjoni dovuta liċ-ċirkustanzi partikolari tal-proġett konċernat. Fejn hu possibbli, għandhom ikunu sfruttati s-sinerġiji ma' politiki oħrajn, pereżempju mal-aspetti tat-turiżmu billi jiġu inklużi fi ħdan strutturi ta' inġinerija, bħal pontijiet jew mini, infrastruttura ċiklistika għal mogħdijiet ċiklabbli fuq distanzi twal bħar-rotot EuroVelo.
- (10) L-aħjar mod li bih jista' jiġi żviluppat in-netwerk trans-Ewropew tat-trasport huwa permezz ta' struttura fuq żewġ livelli, li tikkonsisti f'network komprensiv u network ewlieni bbażata fuq metodoloġija komuni u trasparenti, dawk iż-żewġ saffi huma l-oġġla livell ta' ppjanar tal-infrastruttura fl-Unjoni.
- (11) In-netwerk komprensiv għandu jkun network tat-trasport mifruż mal-Ewropa kollha li jiżgura l-aċċessibilità u l-konnettività tar-reġjuni kollha fl-Unjoni, inklużi r-reġjuni mbegħdin, insulari u ultraperiferiċi, kif stabbilit ukoll fil-Politika Marittima Integrata stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u t-tishiġ tal-koeżjoni soċjali u ekonomika bejniethom. Il-linji gwida stabbiliti b'dan ir-Regolament ("il-linji gwida") għandhom jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-infrastruttura tan-netwerk komprensiv, sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ta' network ta' kwalità għolja madwar l-Unjoni sal-2050.

- (12) Il-White Paper tirrikonoxxi wkoll li għad hemm diverġenzi sostanzjali bejn il-Lvant u l-Punent tal-Unjoni, f'termini ta' infrastruttura tat-trasport. Dawk id-diverġenzi jeħtieġ li jiġu indirizzati sabiex jinkiseb netwerk ta' infrastruttura trans-Ewropew tat-trasport kompletament integrat.
- (13) In-netwerk ewlieni għandu jiġi identifikat u għandhom jittieħdu miżuri adatti għall-iżvilupp tiegħu sal-2030 bħala prijorià fil-qafas ipprovdut min-netwerk komprensiv. In-netwerk ewlieni għandu jikkostitwixxi s-sinġla tal-iżvilupp ta' netwerk tat-trasport multimodali sostenibbli u għandu jstimula l-iżvilupp tan-netwerk komprensiv kollu. Permezz tiegħu, l-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun tista' tikkonċentra fuq dawk il-komponenti tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport bl-ogħla valur miżjud Ewropew, b'mod partikolari sezzjonijiet transkonfinali, konnessjonijiet nieqsa, punti ta' konnessjoni multimodali u punti ewlenin ta' konġestjoni, li jservu l-oġettiv stabbilit fil-White Paper li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass serra mit-trasport b'60 % taħt il-livelli tas-sinjura 1990 sal-2050.
- (14) L-eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-infrastruttura applikabbli għan-netwerk ewlieni għandhom ikunu possibbli f'każijiet iġġustifikati kif xieraq. Dan għandu jinkludi każijiet fejn l-investiment ma jistax jiġi iġġustifikat, pereżempju f'żoni b'popolazzjoni baxxa.
- (15) Is-sitwazzjoni partikolari ta' netwerks ferrovjarji iżolati jew parzjalment iżolati għandha tiġi rikonoxxuta permezz ta' eżenzjonijiet minn ċerti rekwiżiti infrastrutturali.

- (16) Fit-twettiq tar-rieżami tal-implimentazzjoni tan-netwerk ewlieni sal-2023, il-Kummissjoni għandha tieħu kont il-pjanijiet tal-implimentazzjoni nazzjonali u ta' tkabbir futur.
- (17) In-netwerk trans-Ewropew tat-trasport ikopri biss parti min-netwerks eżistenti tat-trasport. Fil-qafas tar-rieżami tal-implimentazzjoni tan-netwerk ewlieni sal-2023, il-Kummissjoni għandha tevalwa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati, jekk partijiet oħra, bħal ċerti passaġġi fuq l-ilma interni ta' klassi III, għandhomx jiġu integrati fin-netwerk. Fil-kuntest ta' dak ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-istat tal-progress tal-proġetti u, fejn meħtieġ, għandha tkun tista' tikkunsidra mill-ġdid l-iskadenzi, filwaqt li tqis kwalunkwe żvilupp li jista' jaffettwa l-probabbiltà li jiġu osservati dawk l-iskadenzi.
- (18) Hija u twettaq ir-rieżami tal-implimentazzjoni tan-netwerk ewlieni sal-2023, il-Kummissjoni għandha tevalwa, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri, jekk għandhiex tinkludi partijiet oħra fin-netwerk, speċjalment il-proġetti ta' prijorità inklużi fid-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE.
- (19) Sabiex jistabbilixxu n-netwerk ewlieni b'mod koordinat u f'waqtu, biex b'hekk ikun possibbli li jiġu mmassimizzati l-benefiċċji tan-netwerk, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri adatti sabiex il-proġetti ta' interess komuni jiġu finalizzati sal-2030. Fir-rigward tan-netwerk komprensiv, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-isforzi kollha possibbli bl-għan li dan jitlesta u jkun konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-linji gwida sal-2050.

- (20) Huwa meħtieġ li jiġu identifikati proġetti ta' interess komuni li jikkontribwixxu għall-kisba tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jikkontribwixxu għall-ksib tal-oġġettivi u jikkorrispondu għall-prijoritajiet stabbiliti fil-linji gwida. L-implimentazzjoni tagħhom għandha tiddependi mill-grad ta' maturità tagħhom, mill-konformità mal-proċeduri legali tal-Unjoni u dawk nazzjonali u mid-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji, mingħajr l-preġudizzju għall-impenn finanzjarju tal-Istat Membru jew tal-Unjoni.
- (21) Il-proġetti ta' interess komuni għandhom juru valur miżjud Ewropew. Proġetti transkonfinali tipikament għandhom valur miżjud Ewropew għoli, iżda jista' jkollhom effetti ekonomiċi diretti aktar baxxi meta mqabbla ma' proġetti purament nazzjonali. Tali proġetti transkonfinali għandhom ikunu soġġetti għal intervent prijoritarju min-naħa tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat li dawn jiġu implimentati.
- (22) Proġetti ta' interess komuni li jeħtieġu finanzjament mill-Unjoni għandhom ikunu soġġetti għal 'analiżi soċjoekonomika tal-benefiċċji u tal-kostijiet' skont metodoloġija rikonossuta, filwaqt li jittieħed kont tal-benefiċċji u l-kostijiet soċjali, ekonomiċi, relatati mal-klima u ambjentali rilevanti. L-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji relatati mal-klima u tal-ambjent għandhom ikunu bbażati fuq il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali mwettqa skont id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

- (23) Sabiex isir kontribut għall-miri tat-tnaqqis tal-klima tal-White Paper ta' tnaqqis ta' 60 % fl-emissjonijiet tal-gass serra taħt il-livelli tas-snin 1990 sal-2050, għandhom jiġu vvalutati l-impatti tal-gass serra tal-proġetti ta' interess komuni fil-forma ta' infstrutturi tat-trasport ġodda, estiżi u aġġornati.
- (24) Xi partijiet tan-netwerk huma amministrati minn atturi oħra minbarra l-Istati Membri. Madankollu, l-Istati Membri huma responsabbli li jiżguraw li r-regoli li jirregolaw in-netwerk huma applikati tajjeb fit-territorju tagħhom. Billi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport jirrikjedu applikazzjoni komuni ta' dan ir-Regolament, il-partijiet kollha tan-netwerk għandhom ikunu soġġetti għad-drittijiet u l-obbligi pprovduti b'dan ir-Regolament, kif ukoll għal dawk stipulati f'liġi rilevanti oħra tal-Unjoni u nazzjonali.
- (25) Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi ġirien u dawk terzi hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-konnessjoni u l-interoperabbiltà bejn in-netwerks rispettivi tal-infrastruttura. Għalhekk, fejn ikun xieraq l-Unjoni għandha tippromwovi proġetti ta' interess komuni ma' dawk il-pajjiżi.

- (26) Sabiex tintlaħaq integrazzjoni modali fin-netwerk kollu, jeħtieġ ippjanar adegwat tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Dan jimplika wkoll l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi man-netwerk kollu f'termini ta' infrastruttura, applikazzjonijiet telematiċi, tagħmir, u servizzi. Għalhekk jeħtieġ li tiġi żgurata l-adozzjoni adegwata u miftiehma ta' rekwiżiti bħal dawn fl-Ewropa kollha għal kull mezz tat-trasport u għall-interkonnessjoni tagħhom fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport kollu u lil hinn minnu, sabiex jinkisbu l-benefiċċji tal-effett ta' netwerk u b'hekk isiru possibbli operazzjonijiet trans-Ewropej tat-trasport fuq medda twila.
- (27) Sabiex jiġu determinati infrastrutturi eżistenti u ppjanati għan-netwerk komprensiv u dak ewlieni, għandhom jiġu pprovduti u adatti maż-żmien mapep li għandhom iqisu l-evoluzzjoni tal-flussi tat-traffiku. Il-bażi teknika ta' dawk il-mapep hija pprovduta mis-sistema ta' informazzjoni ġeografika u tekniċa għan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TENtec) li tinkludi livell ogħla ta' dettall dwar l-infrastruttura trans-Ewropea tat-trasport.
- (28) Il-linji gwida għandhom jistabbilixxu prijoritajiet sabiex jippermettu l-iżvilupp ta' netwerk trans-Ewropew tat-trasport fil-perijodu ta' żmien speċifiku.

- (29) L-applikazzjonijiet telematiċi huma meħtieġa biex jipprovdu l-bażi għall-ottimizzazzjoni tal-operazzjonijiet tat-traffiku u t-trasport u tas-sigurtà tat-traffiku u għat-titjib fis-servizzi relatati. Informazzjoni lill-passiġġieri, inkluż informazzjoni dwar is-sistemi tal-biljetti u tal-prenotazzjoni, għandhom ikunu mogħtija f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011<sup>1</sup>.
- (30) Il-linji gwida għandhom jipprevedu l-iżvilupp tan-netwerk komprensiv f'nodi urbani, f'konformità mal-miri tal-Unjoni dwar il-mobbiltà urbana sostenibbli, billi dawk in-nodi huma l-punt ta' tluq jew id-destinazzjoni finali (“last mile”) għal passiġġieri u merkanzija li jkunu qed jiġu trasportati permezz tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u huma punti ta' trasferiment fi jew bejn mezzi differenti ta' trasport.
- (31) In-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, minħabba l-iskala kbira tiegħu, għandu jipprovdi l-bażi għall-mobilizzazzjoni fuq skala kbira ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjoni, li, pereżempju, jistgħu jgħinu fit-titjib tal-effiċjenza ġenerali tas-settur Ewropew tat-trasport u jnaqqsu l-marka tal-karbonju tiegħu. Dan ser jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u għall-mira tal-White Paper ta' tnaqqis ta' 60 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2050 (fuq bażi tal-livelli tal-1990) u fl-istess ħin jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-oġġettiv taż-żieda tas-sigurtà tal-karburanti għall-Unjoni. Sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi, id-disponibbiltà ta' karburanti nodfa alternattivi għandha tittiejeb tul in-netwerk trans-Ewropew tat-Trasport. Id-disponibbiltà ta' karburanti nodfa alternattivi għandha tkun ibbażata fuq id-domanda għal dawk il-karburanti u ma ma għandu jkun hemm ebda rekwiżit li jipprovdi aċċess għal kull karburant nadif alternattiv f'kull stazzjon tal-karburant.

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema “applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri” tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea (ĠU L 123, 12.5.2011, p. 11).

- (32) In-netwerk trans-Ewropew tat-trasport irid jiżgura multimodalità effiċjenti sabiex jagħti lok għal għażliet modali aħjar u aktar sostenibbli li għandhom isiru għall-passiġġieri u l-merkanzija u sabiex jiffaċilitaw volumi kbar li għandhom jiġu konsolidati għat-trasferimenti fuq distanzi twal. Dan għandu jagħmel il-multimodalità ekonomikament aktar attraenti għall-passiġġieri, l-utenti u l-ispedituri tal-merkanzija.
- (33) Sabiex tinkiseb infrastruttura tat-trasport ta' kwalità għolja u effiċjenti fil-mezzi kollha, l-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għandu jieħu kont tas-sigurtà u s-sikurezza tal-movimenti tal-passiġġieri u l-merkanzija, il-kontribut għat-tibdil fil-klima u l-impatt tat-tibdil fil-klima u ta' diżastri naturali u diżastri kkaġunati mill-bnedmin potenzjali fuq l-infrastruttura u l-aċċessibilità għall-utenti kollha tat-trasport.
- (34) Matul l-ippjanar tal-infrastruttura, l-Istati Membri u promoturi oħra tal-proġetti għandhom jikkunsidraw b'mod dovut il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-miżuri tal-adattament li jtejbu b'mod adegwat ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u d-diżastri ambjentali.

- (35) L-Istati Membri u promoturi oħra ta' proġetti għandhom iwettqu valutazzjonijiet ambjentali ta' pjanijiet u proġetti kif previst fid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>1</sup>, id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> u fid-Direttiva 2011/92/UE sabiex jiġu evitati jew, meta dan ma jkunx possibbli, jiġu mitigati jew ikkumpensati l-impatti negattivi fuq l-ambjent, bħall-frammentazzjoni tal-pajsaġġ, l-impermeabilizzazzjoni tal-ħamrija u t-tniġġis tal-arja u l-ilma kif ukoll l-istorbju, u sabiex tiġi mħarsa b'mod effikaċi l-bijodiversità.
- (36) Għandu jittieħed kont tal-protezzjoni tal-ambjent u l-bijodiversità, kif ukoll tar-rekwiżiti strateġiċi tat-trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni.
- (37) L-Istati Membri u promoturi oħra tal-proġetti għandhom jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-proġetti ta' interess komuni jitwettqu b'mod effiċjenti, biex b'hekk jiġi evitat dewmien mhux meħtieġ.

---

<sup>1</sup> Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

<sup>2</sup> Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>3</sup> Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

<sup>4</sup> Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

- (38) L-infrastruttura tat-trasport għandha tippromwovi l-mobbiltà u aċċessibbiltà mingħajr xkiel għall-utenti kollha, b'mod partikolari għall-persuni anzjani, il-persuni b'mobbiltà mnaqqa u l-passiġġieri b'diżabilità.
- (39) L-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjonijiet ex-ante tal-aċċessibbiltà tal-infrastruttura u tas-servizzi mqabba magħha.
- (40) In-netwerk ewlieni għandu jkun sottogrupp tan-netwerk komprensiv li jkun qed jissovrastah. Huwa għandu jirrappreżenta n-nodi l-aktar importanti mil-lat strateġiku tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, skont il-ħtiġijiet tat-traffiku. Għandu jkun multimodali, jiġifieri għandu jinkludi l-mezzi kollha tat-trasport u l-konnessjonijiet tagħhom kif ukoll sistemi rilevanti tal-ġestjoni tat-traffiku u l-informazzjoni.
- (41) In-netwerk ewlieni għie identifikat abbażi ta' metodoloġija objettiva ta' ppjanar. Dik il-metodoloġija identifikat in-nodi urbani, il-portijiet u l-ajruporti kif ukoll il-punti ta' qsim tal-fruntieri l-aktar importanti. Kull fejn ikun possibbli, daww in-nodi jiġu mqabba ma' konnessjonijiet multimodali, sakemm ikunu ekonomikament vijabbli, ambjentalment sostenibbli u fattibbli sal-2030. Il-metodoloġija żgurat l-interkonnessjoni tal-Istati Membri kollha u l-integrazzjoni tal-gzejjier prinċipali fin-netwerk ċentrali.

- (42) Sabiex in-netwerk ewlieni jiġi implimentat fil-perijodu ta' żmien speċifiku stipulat, jista' jintuża approċċ ta' kuritur bħala strument għall-koordinazzjoni ta' proġetti differenti fuq bażi transnazzjonali u għas-sinkronizzazzjoni tal-iżvilupp tal-kuritur, u b'hekk ikunu massimizzati l-benefiċċji tan-netwerk. Dak l-istrument m'għandux jinftehem bħala bażi għall-prijoritizzazzjoni ta' ċerti proġetti fuq in-netwerk ewlieni. Il-kurituri tan-netwerk ewlieni għandhom jgħinu jiżviluppaw l-infrastruttura tan-netwerk ewlieni b'mod li jindirizzaw l-konġestjoni, isaħħu l-konnessjonijiet transkonfinali u jtejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà. Dawn għandhom jikkontribwixxu għal koeżjoni permezz ta' kooperazzjoni territorjali mtejba.
- (43) Il-kurituri tan-netwerk ewlieni għandhom jindirizzaw ukoll objettivi usa' tal-politika tat-trasport u jiffaċilitaw l-interoperabbiltà, l-integrazzjoni modali u l-operazzjonijiet multimodali. Permezz ta' dan, għandhom ikunu jistgħu jiġu żviluppati b'mod speċjali l-kurituri li jkunu ottimizzati f' termini ta' emissjonijiet, u b'hekk jimminimizzaw l-impatti ambjentali u jżidu l-kompetittività, u li huma wkoll attraenti abbażi tal-affidabbiltà, il-konġestjoni limitata u kostijiet tat-tħaddim u amministrattivi baxxi tagħhom. L-approċċ tal-kurituri għandu jkun trasparenti u ċar u l-ġestjoni ta' tali kurituri m'għandhiex twassal għal żieda eċċessiva tal-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi.

- (44) Bi ftehim mal-Istat Membru kkonċernat, il-Koordinaturi Ewropej, provduti f'dan ir-Regolament, għandhom jiffaċilitaw miżuri biex ifasslu l-istruttura ta' governanza tajba u biex jidentifikaw is-sorsi ta' finanzjament, kemm privat kif ukoll pubbliku, għal proġetti transkonfinali kumplessi għal kull kuritur tan-netwerk ewlieni. Il-Koordinaturi Ewropej għandhom jiffaċilitaw l-implimentazzjoni koordinata tal-kurituri tan-netwerk ewlieni.
- (45) Ir-rwol tal-Koordinaturi Ewropej huwa ta' importanza ewlenija għall-iżvilupp tal-kurituri u l-kooperazzjoni matulhom.
- (46) Il-kurituri tan-netwerk ewlieni għandhom jkunu f'konformità mal-kurituri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> kif ukoll mal-Pjan Ewropew għall-Mobilitazzjoni għas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) previst fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/561/KE<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22).

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/561/KE tat-22 ta' Lulju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-sottosistema tal-kontroll-kmand u tas-sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 60).

(47) Sabiex tiġi massimizzata l-konsistenza bejn il-linji gwida u l-ipprogrammar tal-istrumenti finanzjarji rilevanti disponibbli fil-livell tal-Unjoni, il-finanzjament tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għandu jkun konformi ma' dan ir-Regolament u bbażat, b'mod partikolari, fuq ir-Regolament (UE) Nru .../2013\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. B'mod korrispondenti, għandu jimmira għall-allinjament u l-għaqda tal-finanzjament minn strumenti interni u esterni rilevanti bħal fondi strutturali u ta' koeżjoni, il-Faċilità ta' Investiment fil-Viċinat (NIF) u l-Istrument għal Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)<sup>2</sup>, u mill-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn.

---

\* ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 76/13 u it-3 nota tal-qiegħ kompluta.

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'.. li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (EU) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L...).

<sup>2</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

- (48) Sabiex jiġu aġġornati l-mapep inklużi fl-Anness I biex jiġu kkunsidrati bidliet possibbli li jirriżultaw mill-użu effettiv ta' ċerti elementi tal-infrastruttura tat-trasport analizzati skont livelli limitu kwantitattivi stabbiliti minn qabel, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), u soġġett għall-Artikolu 172 tiegħu, għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi għall-Annessi I u II. Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qiegħda tfejji u tabbozza atti delegati, għandha tiżgura trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.
- (49) L-interessi tal-awtoritajiet reġjonali u lokali kif ukoll ta' dawk fis-soċjetà ċivili lokali affettwati minn proġett ta' interess komuni, għandhom jiġu kkunsidrati b'mod adegwat fil-fażijiet ta' ppjanar u kostruzzjoni tal-proġetti.
- (50) L-oqfsa Ewropej u nazzjonali għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport kif ukoll għall-provvista ta' servizzi ta' trasport joffru opportunitajiet għall-partijiet interessati biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament. L-istrument il-ġdid għall-implimentazzjoni tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, jiġifieri kurituri tan-netwerk ewlieni, huwa mezz b'saħħtu biex jöhroġ il-potenzjal rispettiv tal-partijiet interessanti, għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni bejniethom u għat-tiżiħ tal-kumplimentarjetà mal-azzjonijiet tal-Istati Membri.

- (51) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.
- (52) Billi l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-istabbiliment u l-iżvilupp kkoordinati tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, ma jistgħux jintlaħqu mill-Istati Membri wehdom u għalhekk jistgħu, minħabba l-ħtieġa għal koordinazzjoni ta' dawk l-oġġettivi, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif jinsab fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi,
- (53) Id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE għandha tiġi mħassra.
- (54) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, sabiex jippermetti l-adozzjoni f'waqtha tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni previsti f'dan ir-Regolament,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

# KAPITOLU I

## PRINĊIPJI ĠENERALI

### *Artikolu 1*

#### *Suġġett*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi linji gwida għall-iżvilupp ta' netwerk trans-Ewropew tat-trasport magħmul minn struttura b'żewġ livelli, li tikkonsisti min-netwerk komprensiv u min-netwerk ewlieni, fejn dan tal-aħħar jiġi stabbilit fuq il-bażi tan-netwerk komprensiv.
2. Dan ir-Regolament jidentifika proġetti ta' interess komuni u jispeċifika r-rekwiżiti li għandhom ikunu kkonformati għall-ġestjoni tal-infrastruttura tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport.
3. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport.
4. Dan ir-Regolament jipprovdi miżuri għall-implimentazzjoni tan-netwerk trans-Ewropew. L-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni tiddependi mill-grad ta' maturità tagħhom, mill-konformità mal-proċeduri legali nazzjonali u dawk tal-Unjoni, u mid-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji, mingħajr l-ippregudikar tal-impenn finanzjarju tal-Stat Membru jew tal-Unjoni.

## *Artikolu 2*

### *Kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament japplika għan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport kif jidher fil-mapep li jinsabu fl-Anness I. In-netwerk trans-Ewropew tat-trasport jinkludi l-infrastruttura tat-trasport u applikazzjonijiet telematiċi kif ukoll miżuri li jippromwovu l-ġestjoni u l-użu effiċjenti ta' din l-infrastruttura u jippermettu l-istabbiliment u l-operat ta' servizzi tat-trasport sostenibbli u effiċjenti.
2. L-infrastruttura tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, tikkonsisti mill-infrastruttura għat-trasport bil-ferrovija, għat-trasport f'passaġġi fuq l-ilma interni, għat-trasport bit-triq, għat-trasport marittimu, għat-trasport bl-ajru u għat-trasport multimodali, kif stabbilit fit-taqsimiet rilevanti tal-Kapitolu II.

## *Artikolu 3*

### *Definizzjonijiet*

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) 'proġett ta' interess komuni' tfisser kwalunkwe proġett imwettaq skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu;

- (b) 'pajjiż tal-viċinat' tfisser il-pajjiż li jaqa' taħt l-ambitu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, inkluża s-Sħubija Strateġika, il-Politika tat-Tkabbir, u ż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles;
- (c) 'pajjiż terz' tfisser kwalunkwe pajjiż tal-viċinat jew kwalunkwe pajjiż ieħor li miegħu l-Unjoni tista' tikkoopera sabiex jintlaħqu l-għanijiet fil-mira ta' dan ir-Regolament;
- (d) 'valur miżjud Ewropew' tfisser il-valur ta' proġett li, flimkien mal-valur potenzjali għall-Istat Membru rispettiv waħdu, iwassal għal titjib sinifikanti tal-konnessjonijiet tat-trasport jew fluss tat-trasport bejn l-Istati Membri li jista' jintwera b'referenza għat-titjib fl-effiċjenza, is-sostenibbiltà, il-kompetittività jew il-koeżjoni, f'konformità mal-oġettivi kif jinsabu fl-Artikolu 4;
- (e) 'maniġer tal-infrastruttura' tfisser kwalunkwe korp jew impriża responsabbli, b'mod partikolari, għall-istabbiliment u l-manutenzjoni ta' infrastruttura tat-trasport. Dan jista' jinkludi wkoll il-ġestjoni ta' sistemi ta' kontroll u sikurezza tal-infrastruttura;

- (f) ‘applikazzjonijiet telematiċi’ tfisser sistemi li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni, in-navigazzjoni jew l-ippożizzjonar/lokalizzazzjoni biex jiġġestixxu l-infrastruttura, il-mobbiltà u t-traffiku fuq in-netwerk trans-Ewropew tat-trasport b'mod effikaċi u biex jipprovdu servizzi ta' valur miżjud liċ-ċittadini u l-operaturi, inklużi sistemi għal użu tan-netwerk li jkun sikur, sigur, ambjentalment tajjeb u b'effiċjenza fil-kapaċità. Huma jistgħu jinkludu wkoll apparat abbord, bil-kondizzjoni li jiffurmaw sistema indiviżibbli mal-komponenti tal-infrastruttura korrispondenti. Huma jinkludu s-sistemi, it-teknoloġiji u s-servizzi msemmijin fil-punti (g) sa (l);
- (g) 'sistema ta' trasport intelliġenti' (STI) tfisser sistema kif speċifikat fid-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>;
- (h) ‘sistema tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru’ tfisser sistema kif speċifikata fir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> u fil-Pjan Direttur Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) kif speċifikat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007<sup>3</sup>;

---

<sup>1</sup> Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

<sup>2</sup> Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (Ir-Regolament ta' interoperabilità) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26).

<sup>3</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

- (i) 'Sistemi ta' Monitoraġġ u Informazzjoni tat-Traffiku Marittimu' (VTMIS) tfisser sistemi skjerati għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tat-traffiku u t-trasport marittimu, bl-użu ta' informazzjoni mis-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika tal-Vapuri (AIS), Identifikazzjoni u Traċċar mill-Bogħod ta' Bastimenti (LRIT) u sistemi kostali tar-radar u l-komunikazzjonijiet bir-radju kif previsti fid-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, u tinkludi l-integrazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta' informazzjoni marittima permezz ta' SafeSeaNet;
- (j) 'Servizzi tal-Informazzjoni dwar ix-Xmajjar (RIS)' tfisser teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fuq passaġġi fuq l-ilma interni kif speċifikat fid-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament u l-Kunsill<sup>2</sup>;
- (k) 'Servizzi Marittimi elettroniċi' tfisser servizzi li jużaw teknoloġiji avvanzati u interoperabbli tal-informazzjoni fis-settur tat-trasport marittimu biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi u biex jiġi ffaċilitat il-volum ta' traffiku ta' merkanzija fuq il-baħar u f'żoni tal-portijiet; inklużi s-servizzi ta' "single window" bħas-"single window" marittima kif inhu previst għaliha fid-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, is-sistemi tal-komunità tal-portijiet u s-sistemi rilevanti ta' informazzjoni dwar id-dwana;

---

<sup>1</sup> Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

<sup>2</sup> Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152).

<sup>3</sup> Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2010/65/UE tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jtilqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1).

- (l) 'Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju' (ERTMS) tfisser is-sistema definita fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE<sup>1</sup> u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/860/KE<sup>2</sup>;
- (m) 'sezzjoni transkonfinali' tfisser is-sezzjoni, li tiżgura il-kontinwità ta' proġett ta' interess komuni bejn l-eqreb nodi urbani fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera ta' żewġ Stati Membri jew bejn Stat Membru u pajjiż ġar;
- (n) 'trasport multimodali' tfisser it-trasport ta' passiġġieri jew merkanzija, jew tat-tnejn li huma, bl-użu ta' żewġ mezz ta' trasport jew aktar;
- (o) 'interoperabbiltà' tfisser l-abbiltà, inklużi l-kondizzjonijiet regolatorji, tekniċi u operazzjonali, tal-infrastruttura f'mezz ta' trasport biex tippermetti l-flussi ta' traffiku siguri u mhux interrotti li jiksbu l-livelli ta' prestazzjoni meħtieġa għal dik l-infrastruttura jew mezz;

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE tat-28 ta' Marzu 2006 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-subsistema ta' kontroll u ta' sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (ĠU L 284, 16.10.2006, p. 1).

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni 860/2006/KE tas-7 ta' Novembru 2006 li tikkonċerna speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' kontroll u l-kmand u sinjalazzjoni tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja u li temenda l-Anness A tad-Deċiżjoni 2006/679/KE li tikkonċerna l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' kontroll u l-kmand u sinjalazzjoni tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea konvenzjonali (ĠU L 342, 7.12.2006, p. 1).

- (p) ‘nodu urban’ tfisser żona urbana fejn l-infrastruttura tat-trasport tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, bħal portijiet li jinkludu terminals tal-passiġġieri, ajruporti, stazzjonijiet ferrovjarji, pjattaformi loġistiċi u terminals tal-merkanzija li jinsabu f’żoni urbani, u madwarhom hija konnessa ma’ partijiet oħrajn ta’ dik l-infrastruttura u mal-infrastruttura għat-traffiku reġjonali u lokali;
- (q) ‘konġestjoni’ tfisser ostaklu fiżiku, tekniku jew funzjonali li jwassal għal twaħħil fis-sistema li jaffetwa l-kontinwità ta’ flussi għal distanzi twal jew transonfinali u li jista’ jingħeleb permezz tal-ħolqien ta’ infrastruttura ġdida jew b’aġġornament sostanzjali tal-infrastruttura eżistenti, li tista’ twassal għal titjib sinifikanti li jsolvi l-ostakli tal-konġestjoni;
- (r) ‘pjattaforma loġistika’ tfisser żona li hija konnessa direttament mal-infrastruttura tat-trasport tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport li tinkludi tal-anqas terminal wieħed tal-merkanzija, u li permezz tagħha jitwettqu attivitajiet loġistiċi;
- (s) ‘terminal tal-merkanzija’ tfisser struttura mġhammra għat-trasbord bejn tal-anqas żewġ mezz ta’ trasport jew bejn żewġ sistemi ferrovjarji differenti, u għall-ħżin temporanju tal-merkanzija bħal portijiet, portijiet interni, ajruporti u terminals stradali-ferrovjarji;

- (t) 'analiżi soċjoekonomika tal-benefiċċji u tal-kostijiet' tfisser valutazzjoni kwantifikata ex ante ibbażata fuq metodoloġija rikonoxxuta, tal-valur ta' proġett li tqis il-benefiċċji u l-kostijiet soċjali, ekonomiċi, tal-klima u ambjentali rilevanti kollha. L-analiżi tal-spejjeż u l-benefiċċji relatati mal-klima u l-ambjent għandhom ikunu bbażati fuq il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali mwettqa skont id-Direttiva 2011/92/UE;
- (u) 'netwerk iżolat' tfisser netwerk ferrovjarju ta' Stat Membru, jew parti minnu, b'wisa' bejn il-binarji ta' linja ferrovjarja differenti minn dik nominali Ewropea standard (1435 mm), li għalih ċerti investimenti ewlenin fl-infrastruttura ma jistgħux jiġu ġustifikati f'termini ta' kostijiet u benefiċċji ekonomiċi minħabba l-ispeċifitàjiet ta' dak in-netwerk li jirriżultaw mid-distakk ġeografiku tiegħu jew il-pożizzjoni periferali;
- (v) 'Reġjun NUTS' tfisser reġjun kif definit fil-Klassifikazzjoni Komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika;
- (w) 'karburanti nodfa alternattivi' tfisser karburanti bħall-elettriku, l-idroġenu, il-bijokarburant (likwidi), il-karburanti sintetiċi, il-metan (gass naturali (CNG u LNG) u bijometan) u l-gass likwifikat miż-żejt (LPG) li jservu, tal-anqas parzjalment, bħala sostitut għal sorsi ta' żejt fossili fil-provvista tal-enerġija lit-trasport, jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tiegħu u jsaħħu l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport.

#### *Artikolu 4*

##### *Objettivi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport*

In-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għandu jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tal-Unjoni u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona unika ta' trasport Ewropew li tkun effiċjenti u sostenibbli, li żżid il-benefiċċji għall-utenti tagħha u tappoġġa t-tkabbir inklussiv. Huwa għandu juri valur miżjud Ewropew billi jikkontribwixxi għall-objettivi mniżżla fl-erba' kategoriji li ġejjin:

- (a) koeżjoni permezz ta':
  - (i) aċċessibbiltà u konnettività tar-reġjuni kollha tal-Unjoni, inklużi r-reġjuni mbegħdin, ultraperiferiċi, insulari, periferali u muntanjużi, kif ukoll fiż-żoni b'popolazzjoni baxxa;
  - (ii) tnaqqis fil-qasma ta' kwalità tal-infrastruttura bejn l-Istati Membri;
  - (iii) kemm għat-traffiku tal-passiġġieri kif ukoll għal dak tal-merkanzija, interkonnessjoni bejn l-infrastruttura tat-trasport għat-traffiku fuq distanzi twal min-naħa l-waħda, u traffiku reġjonali u lokali min-naħa l-oħra;
  - (iv) infrastruttura tat-trasport li tirrifletti s-sitwazzjonijiet speċifiċi f'partijiet differenti tal-Unjoni u li tipprevedi kopertura bilanċjata tar-reġjuni Ewropej;

- (b) effiċjenza permezz ta':
- (i) it-tneħħija tal-konġestjoni u l-ħolqien ta' konnessjonijiet nieqsa, kemm fl-infrastrutturi tat-trasport kif ukoll fil-punti tal-konnessjoni bejn dawn, fit-territorji tal-Istati Membri u bejniethom;
  - (ii) l-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-netwerks tat-trasport nazzjonali;
  - (iii) l-aħjar integrazzjoni u interkonnessjoni tal-mezzi kollha tat-trasport;
  - (iv) il-promozzjoni ta' trasport ekonomikament effiċjenti u ta' kwalità għolja li jikkontribwixxi għal aktar tkabbir ekonomiku u kompetittività;
  - (v) użu effiċjenti ta' infrastruttura ġdida u eżistenti;
  - (vi) applikazzjoni kosteffikaċi ta' kunċetti teknoġiċi u operazzjonali innovattivi b'mod;
- (c) sostenibbiltà permezz ta':
- (i) żvilupp tal-mezzi kollha tat-trasport b'mod konsistenti waqt li jiġi żgurat trasport li jkun sostenibbli u ekonomikament effiċjenti fuq perijodu twil;
  - (ii) kontribut għall-oġġettivi ta' emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra, trasport nadif u b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, sigurtà tal-karburant, tnaqqis ta' kostijiet esterni u protezzjoni ambjentali;
  - (iii) promozzjoni ta' trasport b'karbonju baxx bil-għan li jintlaħaq it-tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet CO<sub>2</sub> sal-2050, f'konformità mal-miri rilevanti tal-Unjoni ta' tnaqqis ta' CO<sub>2</sub>;

- (d) iżid il-benefiċċji tal-utenti tiegħu permezz ta':
- (i) l-ilħuq tal-ħtiġijiet ta' mobbiltà u trasport tal-utenti tiegħu fl-Unjoni u fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi;
  - (ii) jiżgura standards siguri, ta' sikurezza u ta' kwalità għolja, kemm għat-trasport ta' passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija;
  - (iii) appoġġ għall-mobbiltà saħansitra f'każ ta' diżastri naturali u diżastri kkaġunati mill-bniedem, u l-iżgurar tal-aċċessibbiltà għal servizzi ta' emerġenza u ta' salvataġġ;
  - (iv) l-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-infrastruttura, b'mod partikolari fil-qasam tal-interoperabbiltà, is-sikurezza u s-sigurtà, li ser ikunu punt ta' riferiment għall-kwalità, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tas-servizzi tat-trasport;
  - (v) aċċessibbiltà għall-persuni anzjani, persuni b'mobbiltà mnaqqsa u passiġġieri b'diżabilità.

#### *Artikolu 5*

##### *Netwerk b'użu effiċjenti ta' riżorsi*

- 1 In-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għandu jkun ippjanat, żviluppat u operat b'użu effiċjenti mil-lat ta' riżorsi, permezz ta':
- (a) l-iżvilupp, it-titjib u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport eżistenti;
  - (b) it-titjib tal-integrazzjoni u l-interkonnnessjoni tal-infrastruttura;

- (c) il-mobilizzazzjoni ta' teknoloġiji u applikazzjonijiet telematiċi ġodda, fejn tali mobilizzazzjoni tkun ekonomikament ġustifikata;
- (d) il-konsiderazzjoni ta' sinerġiji possibbli ma' netwerks oħrajn, b'mod partikolari netwerks trans-Ewropej tal-enerġija jew tat-telekomunikazzjoni;
- (e) il-valutazzjoni tal-impatti ambjentali strateġiku, bl-istabiliment ta' pjanijiet u programmi xierqa u ta' impatti dwar il-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima;
- (f) miżuri biex tiġi ppjanata u mkabbra l-kapaċità tal-infrastruttura fejn ikun meħtieġ;
- (g) konsiderazzjoni adegwata tal-vulnerabbiltà tal-infrastruttura tat-trasport fir-rigward ta' klima li qed tinbidel kif ukoll diżastri naturali jew diżastri kkaġunati mill-bnedmin, bil-ħsieb li jiġu indirizzati dawk l-isfidi.

2. Fl-ippjanar u l-iżvilupp tan-Netwerk trans-Ewropew tat-Trasport, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw iċ-ċirkustanzi partikolari fil-bosta partijiet tal-Unjoni, b'hal, b'mod partikolari, l-aspetti tat-turiżmu u l-fatturi topografiċi tar-reġjuni kkonċernati. Dawn jistgħu jadattaw l-allinjament tas-sezzjonijiet tar-rotta dettaljat fi ħdan il-limiti indikati fil-punt (c) tal-Artikolu 49(43) filwaqt li jiżguraw ir-rispett tar-rekwiżiti kif jinsabu hemmhekk.

## *Artikolu 6*

### *Struttura tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport fuq żewġ livelli*

1. L-iżvilupp gradwali tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għandu jintlaħaq, b'mod partikolari, bl-implimentazzjoni ta' struttura fuq żewġ livelli għal dak in-netwerk b'approċċ metodoloġiku koerenti u trasparenti, li jinkludi netwerk komprensiv u netwerk ewlieni.
2. In-netwerk komprensiv għandu jikkonsisti mill-infrastrutturi kollha eżistenti u ppjanati tat-trasport tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport kif ukoll miżuri li jippromwovu l-użu effiċjenti u soċjalment u ambjentalment sostenibbli ta' infrastrutturi bħal dawn. Għandu jiġi identifikat u żviluppat f'konformità mal-Kapitolu II.
3. In-netwerk ewlieni għandu jikkonsisti f'dawk il-partijiet tan-netwerk komprensiv li huma tal-oġġla importanza strateġika għall-ilħuq tal-għanijiet għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Għandu jiġi identifikat u żviluppat f'konformità mal-Kapitolu III.

## *Artikolu 7*

### *Proġetti ta' interess komuni*

1. Proġetti ta' interess komuni għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport permezz tal-ħolqien ta' infrastruttura ġdida tat-trasport, permezz tar-riabilitazzjoni u t-titjib tal-infrastruttura tat-trasport eżistenti u permezz ta' miżuri li jippromwovu l-użu effiċjenti mil-lat ta' riżorsi tan-network.
2. Proġett ta' interess komuni għandu:
  - (a) jikkontribwixxi għall-oġġettivi li jaqgħu taħt mill-inqas żewġ kategoriji minn erbgħa kif jidhru fl-Artikolu 4;
  - (b) jikkonforma mal-Kapitolu II, u jekk jikkonċerna n-network ewlieni, jikkonforma wkoll mal-Kapitolu III;
  - (c) ikun ekonomikament vijabbli abbażi ta' analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji soċjoekonomiċi;
  - (d) juri valur miżjud Ewropew.
3. Proġett ta' interess komuni jista' jinkludi ċ-ċiklu sħiħ tiegħu, inkluż l-istudji dwar il-fattibbiltà u l-proċeduri għall-għoti ta' permessi, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-proġetti jitwettqu f'konformità mal-liġi rilevanti nazzjonali u tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-atti legali tal-Unjoni dwar l-ambjent, il-ħarsien tal-klima, is-sigurtà, is-sikurezza, il-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku, is-saħħa pubblika u l-aċċessibilità.
5. Proġetti ta' interess komuni huma eliġibbli għal assistenza finanzjarja mill-Unjoni taħt l-istrumenti disponibbli għan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport.

#### *Artikolu 8*

##### *Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi*

1. L-Unjoni tista' tappoġġa, inkluż finanzjarjament, il-proġetti ta' interess komuni sabiex torbot in-netwerk trans-Ewropew tat-trasport ma' networks tal-infrastruttura ta' pajjiżi tal-viċinat bil-kondizzjoni li tali proġetti:
  - (a) joħolqu konnessjoni man-netwerk ewlieni fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u li jikkonċernaw infrastruttura meħtieġa biex jiġu żgurati fluss tat-traffiku, kontrolli fuq il-fruntieri, sorveljanza fuq il-fruntiera u proċeduri oħrajn ta' kontroll fuq il-fruntiera mingħajr xkiel;
  - (b) jiżguraw il-konnessjoni bejn in-netwerk ewlieni u n-netwerks tat-trasport tal-pajjiżi terzi, bil-għan li jtejbu t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività;
  - (c) ilestu l-infrastruttura tat-trasport f'pajjiżi terzi li sservi ta' rabtiet bejn partijiet tan-netwerk ewlieni fl-Unjoni;

- (d) jimplimentaw sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku f' dawk il-pajjiżi;
- (e) jippromwovu t-trasport marittimu u l-awtostradi tal-baħar, mingħajr ma jipprovdu appoġġ finanzjarju lil portijiet ta' pajjiżi terzi.
- (f) jiffaċilitaw trasport f'passaġġi fuq l-ilma interni ma' pajjiżi terzi.

Dawn il-proġetti għandhom isaħħu l-kapaċità jew l-utilità ta' netwerks trans-Ewropew tat-trasport fi Stat Membru wieħed jew aktar.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-Unjoni tista' tikkoopera ma' pajjiżi terzi biex tippromwovi proġetti oħrajn, mingħajr ma tipprovdi appoġġ finanzjarju, dejjem sakemm dawn il-proġetti jfittxu li:

- (a) jippromwovu l-interoperabbiltà bejn in-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u n-netwerks ta' pajjiżi terzi;
- (b) jippromwovu l-estensjoni tal-politika dwar in-netwerk trans-Ewropew tat-trasport f'pajjiżi terzi;
- (c) jiffaċilitaw it-trasport bl-ajru ma' pajjiżi terzi, sabiex jippromwovu tkabbir ekonomiku u kompetittività effiċjenti u sostenibbli, inkluż l-estensjoni tal-Ajru Uniku Ewropew u kooperazzjoni mtejba fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru;
- (d) jiffaċilitaw it-trasport marittimu u jippromwovu l-awtostradi tal-baħar mal-pajjiżi terzi.

3. Proġetti taħt il-punti (a) u (d) tal-paragrafu 2 għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu II.
4. L-Anness III jinkludi mapep indikattivi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport estiż għal pajjiżi speċifiċi tal-viċinat.
5. L-Unjoni tista' tuża strumenti ta' koordinazzjoni u finanzjarji eżistenti jew tistabbilixxi u tuża oħrajn ġodda mal-pajjiżi tal-viċinat, bħall-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (NIF), jew l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), għall-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni.
6. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma soġġetti għall-proċeduri rilevanti fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali kif jinsabu fl-Artikolu 218 TFUE.

## **KAPITOLU II**

### **IN-NETWERK KOMPRESIV**

#### *Artikolu 9*

#### *Dispożizzjonijiet ġenerali*

1. In-netwerk komprensiv għandu:
  - (a) ikun kif speċifikat fil-mapep u fil-listi fl-Anness I u l-Parti 2 tal-Anness II;
  - (b) jiġi speċifikat aktar permezz tad-deskrizzjoni tal-komponenti tal-infrastruttura;
  - (c) jissodisfa r-rekwiżiti għall-infrastrutturi tat-trasport stabbiliti f'dan il-Kapitolu;
  - (d) jikkostitwixxi l-bażi għall-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni;
  - (e) jikkunsidraw l-limitazzjonijiet fiżiċi u l-partikolaritajiet topografiċi tal-infrastrutturi tat-trasport tal-Istati Membri, kif identifikati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (TSIs).
  
2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-isforzi kollha possibbli bil-għan li jikkompletaw in-netwerk komprensiv u biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Kapitolu sal-31 ta' Diċembru 2050.

*Artikolu 10*  
*Prijoritajiet ġenerali*

1. Fl-iżvilupp tan-netwerk komprensiv, għandha tingħata prijorità ġenerali lil miżuri li huma meħtieġa biex:
  - (a) jiġu żgurati aċċessibbiltà u konnettività mtejbmin għar-reġjuni kollha tal-Unjoni filwaqt li jiġu kkunsidrati l-każijiet speċifiċi tal-gżejjer, netwerks iżolati u reġjuni b'popolazzjoni baxxa, imbiegħda u ultraperiferiċi;
  - (b) tiġi żgurata l-aħjar integrazzjoni tal-mezzi ta' trasport u interoperabbiltà fil-mezzi ta' trasport;
  - (c) jinħolqu konnessjonijiet nieqsa u jitneħħew il-punti ta' konġestjoni, b'mod partikolari fis-sezzjonijiet transkonfinali;
  - (d) jiġi promoss l-użu effiċjenti u sostenibbli tal-infrastruttura u, fejn meħtieġ, tizzied il-kapaċità;
  - (e) tittejjeb jew tinżamm il-kwalità tal-infrastruttura f'termini ta' sikurezza, sigurtà, effiċjenza, klima u fejn ikun xieraq reżiljenza għad-disastri, prestazzjoni ambjentali, kondizzjonijiet soċjali, aċċessibbiltà għall-utenti kollha, inklużi l-persuni anzjani, persuni b'mobbiltà mnaqqsa u l-passiġġieri b'diżabilità u l-kwalità tas-servizzi u l-kontinwità tal-flussi tat-traffiku;

(f) jiġi implimentati u mmobilizzati l-applikazzjonijiet telematiċi u jiġi promossi l-iżvilupp teknoloġiku innovattiv.

2. Sabiex jiġi kkomplementati l-miżuri li jinsabu fil-paragrafu 1, għandha tingħata konsiderazzjoni partikolari lill-miżuri li huma meħtieġa biex:

(a) tiġi żgurata s-sigurtà tal-karburant permezz ta' aktar effiċjenza fl-enerġija, u jiġi promossi l-użu ta' sorsi tal-enerġija alternattivi u b'mod partikolari dawk b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju jew mingħajru u sistemi ta' propulsjoni;

(b) il-mitigazzjoni tal-esponiment ta' żoni urbani għall-effetti negattivi tat-trasport ta' transitu bil-ferrovija jew bit-triq.

(c) jitneħħew ix-xkiel amministrattivi u dak tekniku, b'mod partikolari għall-interoperabbiltà tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u għall-kompetizzjoni;

**TAQSIMA 1**  
**INFRASTRUTTURA TAT-TRASPORT FERROVJARJU**

*Artikolu 11*  
*Komponenti tal-infrastruttura*

1. L-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju għandha tinkludi b'mod partikolari:
  - (a) linji ferrovjarji ta' veloċità għolja u konvenzjonali, inklużi:
    - (i) binarji żgħar (sidings);
    - (ii) mini;
    - (iii) pontijiet;
  - (b) terminals tal-merkanzija u pjattaformi loġistiċi għat-trasbord ta' merkanzija fil-mezz ferrovjarju u bejn il-ferroviji u mezzi ta' trasport oħrajn;
  - (c) stazzjonijiet fuq il-linji indikati fl-Anness I għat-trasferiment tal-passiġġieri fil-mezz ferrovjarju stess u bejn il-ferroviji u mezzi ta' trasport oħrajn;
  - (d) il-konnessjonijiet ta' stazzjonijiet, terminals tal-merkanzija u pjattaformi loġistiċi mal-mezzi l-oħra fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport;

- (e) tagħmir assoċjat;
- (f) applikazzjonijiet telematiċi.

2. Il-linji ferrovjarji għandu jkollhom waħda mill-forom li ġejjin:

- (a) linji ferrovjarji għat-trasport ta' veloċità għolja li huma:
  - (i) linji ta' veloċità għolja mibnija b'mod speċjali u mgħammra għall-veloċitajiet li jkunu ekwivalenti għal jew ogħla minn 250 km/s;
  - (ii) linji konvenzjonali mtejba b'mod speċjali u mgħammra għall-veloċitajiet ta' madwar 200 km/s;
  - (iii) linji ta' veloċità għolja mtejba apposta li għandhom karatteristiċi speċjali minħabba restrizzjonijiet ta' topografija, kontorni jew pjanifikazzjoni tal-ibliet, li fuqhom il-veloċità għandha tiġi adattata għal kull każ. Din il-kategorija tinkludi wkoll linji ta' interkonnessjoni bejn in-netwerks ta' veloċità għolja u konvenzjonali, il-passaġġi minn stazzjonijiet tal-ferrovija, l-aċċess għat-terminals, id-depożiti eċċ li jgħaddu minnhom vetturi ta' 'veloċità għolja' b'veloċità konvenzjonali,
- (b) linji ferrovjarji għat-trasport konvenzjonali.

3. It-tagħmir tekniku assoċjat mal-linji ferrovjarji jista' jinkludi sistemi ta' elettrifikazzjoni, tagħmir għall-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri u t-tagħbija u l-ħatt tal-merkanzija fl-istazzjonijiet, il-pjattaformi loġistiċi u t-terminals tal-merkanzija. Huwa jista' jinkludi kwalunkwe faċilità, bħall-faċilitajiet awtomatiċi għat-tibdil tal-wisa' għall-binarji, meħtieġa biex jiġi żgurat it-tħaddim sikur, sigur u effiċjenti ta' vetturi, inkluż l-impatt tagħhom imnaqqas fuq l-ambjent u t-titjib tal-interoperabbiltà.

### *Artikolu 12*

#### *Rekwiżiti għall-infrastruttura tat-trasport*

1. It-terminals tat-trasport tal-merkanzija għandhom ikunu konnessi mal-infrastruttura tat-toroq jew, fejn possibbli, mal-infrastruttura tal-passaġġ fuq l-ilma intern tan-netwerk komprensiv.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja:
  - (a) għajr fil-każ ta' networks iżolati, hija mgħammra b'ERTMS;
  - (b) tikkonforma mad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha sabiex tintlaħaq l-interoperabbiltà tan-netwerk komprensiv;

---

<sup>1</sup> Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

- (c) tikkonforma mar-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjoni teknika ta' interoperabbiltà (TSIs) adottati skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/57/KE, minbarra f'każijiet fejn ikun permess mit-TSI rilevanti jew taħt il-proċedura prevista fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2008/57/KE;
  - (d) għajr fil-każ ta' netwerks iżolati, hija kollha elettrifikata fir-rigward tal-binarji ferrovjarji u, sa fejn hu meħtieġ għall-operazzjonijiet tal-ferroviji elettriċi, fir-rigward tal-binarji żgħar;
  - (e) tikkonforma tar-rekwiżiti imniżżlin fid-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, fir-rigward tal-aċċess għat-terminals tat-trasport tal-merkanzija.
3. Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, eżenzjonijiet għandhom jingħataw mill-Kummissjoni fir-rigward ta' rekwiżiti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tar-Direttiva 2008/57/KE li jikkonċernaw l-ERTMS u l-eletrifikazzjoni.

### *Artikolu 13*

#### *Prijoritajiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja*

Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastruttura ferrovjarja u b'żieda mal-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 10, għandha tingħata prijorità lill-aspetti li ġejjin:

- (a) il-mobilizzazzjoni tal-ERTMS;
- (b) il-bidla għal wisa' nominali bejn il-binarji ta' linja ferrovjarja ta' 1435 mm;

---

<sup>1</sup> Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU 343, 14.12.2012, p.32).

- (c) il-mitigazzjoni tal-impatt tal-istorbju u l-vibrazzjoni kkawżati mit-trasport bil-ferroviji, b'mod partikolari permezz ta' miżuri għall-vetturi ferrovjarji u għall-infrastruttura, inkluż għall-ħitan ta' protezzjoni mill-istorbju;
- (d) l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-infrastruttura u t-titjib tal-interoperabbiltà;
- (e) it-titjib fis-sikurezza tal-passaġġi nvell;
- (f) fejn adatt, il-konnessjoni tal-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju mal-infrastruttura ta' port ta' passaġġ fuq l-ilma intern.

## **TAQSIMA 2**

### **INFRASTRUTTURA TAT-TRASPORT BIL-PASSAĠĠI FUQ L-ILMA INTERNI**

#### *Artikolu 14*

#### *Komponenti tal-infrastruttura*

1. L-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni għandha tinkludi b'mod partikolari:
  - (a) xmajjar;
  - (b) kanali;
  - (c) għadajjar;

- (d) infrastruttura relatata bħal serraturi, elevators, pontijiet, ġibjuni u miżuri ta' prevenzjoni tal-ġhargħar assoċjati li jistgħu jħallu effetti pożittivi għan-navigazzjoni fuq passaġġi fuq l-ilma interni;
- (e) portijiet interni inkluża l-infrastruttura meħtieġa għall-operazzjonijiet tat-trasport fiż-żona tal-port;
- (f) tagħmir assoċjat;
- (g) applikazzjonijiet telematiċi, inkluż l-RIS;
- (h) il-konnessjonijiet tal-portijiet interni mal-mezzi l-oħra fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport.

2. Sabiex ikunu parti min-netwerk komprensiv, il-portijiet interni għandu jkollhom volum ta' trasbord annwali li jaqbeż il-500 000 tonnellata. Il-volum annwali totali ta' trasbord tal-merkanzija għandu jkun ibbażat fuq l-aktar medja reċenti disponibbli meħuda fuq tliet snin, kif ippubblikat mill-Eurostat.

3. Tagħmir assoċjat ma' passaġġi fuq l-ilma interni jista' jinkludi tagħmir għat-tagħbija u l-ħatt tal-merkanziji f'portijiet interni. Tagħmir assoċjat jista' jinkludi b'mod partikolari sistemi ta' propulsjoni u dawk operattivi li jnaqqsu t-tniġġis, bħat-tniġġis tal-ilma u tal-arja, il-konsum tal-enerġija u l-intensità tal-karbonju. Dan jista' jinkludi wkoll faċilitajiet ta' rimi ta' skart, faċilitajiet ta' provvista tal-elettriku max-xatt, u faċilitajiet għall-ġbir taż-żejt użat kif ukoll tagħmir għat-tkissir tas-silġ, servizzi idroloġiċi u tħammil tal-port u tal-bokok tal-port biex tiġi żgurata navigabbiltà tul is-sena kollha.

### *Artikolu 15*

#### *Rekwiżiti għall-infrastruttura tat-trasport*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-portijiet interni jkunu konnessi mal-infrastruttura tat-toroq jew dik ferrovjarja.
2. Il-portijiet interni għandhom joffru mill-inqas terminal wieħed li jkun miftuħ għall-operaturi kollha b'mod mhux diskriminatorju u għandu japplika tariffi trasparenti.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) ix-xmajjar, il-kanali u l-għadajjar jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi għall-passaġġi fuq l-ilma tal-klassi IV kif stabbilit fil- klassifikazzjoni l-ġdida ta' passaġġi fuq l-ilma interni stabbiliti mill-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (ECMT) u li jkun hemm tindif kontinwu tal-pontijiet, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 35 u 36 ta' dan ir-Regolament;

Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tagħti eżenzjonijiet mir-rekwiżiti minimi dwar il-fond (anqas minn 2,50 m) u l-għoli minimu taħt il-pontijiet (anqas minn 5,25 m);

- (b) ix-xmajjar, il-kanali u l-għadajjar jinżammu f'kundizzjoni adegwata biex jinżamm stat ta' navigazzjoni tajjeb, filwaqt li jirrispettaw il-liġi ambjentali applikabbli;
- (c) ix-xmajjar, il-kanali u l-għadajjar jiġu mġammra b'RIS.

## *Artikolu 16*

### *Prijoritajiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni*

Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastrutturi tal-passaġġi fuq l-ilma interni u b'żieda mal-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 10, għandha tingħata prijorità lill-dawn li ġejjin:

- (a) għall-passaġġi fuq l-ilma interni eżistenti: il-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa sabiex jintlaħqu l-istandards tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-klassi IV;
- (b) fejn xieraq, l-ilħuq ta' standards ogħla għall-modernizzazzjoni u għall-passaġġi fuq l-ilma eżistenti u għall-ħolqien ta' passaġġi fuq l-ilma ġodda f'konformità mal-aspetti tekniċi tal-infrastruttura tal-ECMT sabiex jiġu sodisfatti d-domandi tas-suq;
- (c) l-implimentazzjoni tal-applikazzjonijiet telematiċi, inklużi l-RIS;
- (d) il-konnessjoni tal-infrastruttura tal-portijiet interni mal-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u dik tat-trasport bit-triq.
- (e) L-attenzjoni partikolari mogħtija lix-xmajjar b'ilma ġieri li huma qrib l-istat naturali tagħhom u li għalhekk jistgħu jkunu s-soġġett għal miżuri speċifiċi.
- (f) il-promozzjoni tat-trasport sostenibbli fl-ilmijiet interni.
- (g) il-modernizzazzjoni u l-espansjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura meħtieġa għall-operat tat-trasport fiż-żona tal-port.

**TAQSIMA 3**  
**INFRASTRUTTURA TAT-TRASPORT BIT-TRIQ**

*Artikolu 17*  
*Komponenti tal-infrastruttura*

1. L-infrastruttura tat-trasport bit-triq għandha tinkludi b'mod partikolari:
  - (a) toroq ta' kwalità għolja, inklużi:
    - (i) pontijiet;
    - (ii) mini;
    - (iii) punti ta' konġunzjoni;
    - (iv) passaġġi;
    - (v) interskambji;
    - (vi) hard shoulders;
  - (b) parkeġġ u żoni ta' mistrieħ;
  - (c) tagħmir assoċjati;

- (d) applikazzjonijiet telematiċi, inklużi l-STI;
  - (e) terminals tal-merkanzija u pjattaformi loġistiċi;
  - (f) il-konnessjonijiet tat-terminals tal-merkanzija u l-pjattaformi loġistiċi mal-mezzi l-oħra fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport;
  - (g) stazzjonijiet tal-kowċijiet.
2. It-toroq ta' kwalità għolja msemmijin fil-punt (a) tal-paragrafu 1 huma dawk li għandhom rwol importanti fit-traffiku tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri fuq distanzi twal, jintegraw iċ-ċentri urbani u ekonomiċi ewlenin, joħolqu interkonnessjoni ma' mezzi tat-trasport oħrajn u jgħaqqdu r-reġjuni NUTS 2 muntanjużi, imbiegħda, mingħajr kosta u dawk periferiċi mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni. Dawk it-toroq għandhom jinżammu f'kundizzjoni adegwata biex it-traffiku jkun sikur u sigur.
3. It-toroq ta' kwalità għolja għandhom jitfasslu u jinbnew b'mod speċjali għat-traffiku tal-vetturi bil-mutur, u għandhom ikunu awtostradi, toroq li jgħaqqdu bliet direttament u bil-ħeffa jew toroq strateġiċi konvenzjonali.
- (a) Awtostrada hija triq imfassla b'mod speċjali u mibnija għat-traffiku tal-vetturi bil-mutur, li ma sservix proprjetajiet li jmissu magħha, u li:
    - (i) tiġi pprovduta, minbarra f'punti speċjali jew temporanjament, b'karreġġjati separati għaż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku, separati minn xulxin bi strixxa diviżorja mhux maħsuba għat-traffiku, jew, b'mod eċċezzjonali, b'mezzi oħrajn;

- (ii) ma taqsam, fl-istess livell, ebda triq, linja tal-ferrovija jew tat-tramm, passaġġ għar-roti jew passaġġ għall-mixi; u
  - (iii) tiġi ssenjalata b'mod speċifiku fit-toroq bħala awtostrada.
- (b) Triq li tgħaqqad bliet direttament u bil-ħeffa hija triq maħsuba għat-traffiku tal-vetturi bil-mutur, li hi aċċessibbli primarjament minn interskambji jew punti ta' konġunzjoni kkontrollati u li:
- (i) tipprojbixxi l-waqfien u l-parkeġġ fuq il-karreġġjata; u
  - (ii) ma taqsamx f'livell mal-ebda binarju ferrovjarju jew tat-tramm.
- (c) Triq strateġika konvenzjonali hija triq li mhix awtostrada jew triq li tgħaqqad bliet direttament u bil-ħeffa, iżda li xorta hija triq ta' kwalità għolja kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2.
4. It-tagħmir assoċjat mat-toroq jista' jinkludi b'mod partikolari tagħmir għall-ġestjoni tat-traffiku, informazzjoni u gwida dwar ir-rotot, għall-ġbir tat-tariffi imposti fuq l-utenti, għas-sikurezza, għat-tnaqqis tal-effetti ambjentali negattivi, għar-riforniment ta' karburant jew l-iċċarġjar mill-ġdid ta' vetturi bi propulsjoni alternattiva, u għall-parkeġġ sigur għal vetturi kummerċjali.

## *Artikolu 18*

### *Rekwiżiti għall-infrastruttura tat-trasport*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) it-toroq jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-punti (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 17(3),
- (b) is-sikurezza tal-infrastruttura tat-trasport bit-triq tiġi garantita, immonitojrata u, fejn meħtieġ, imtejba skont il-proċedura prevista fid-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>;
- (c) mini bit-toroq li huma itwal minn 500 m għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>;
- (d) fejn applikabbli, l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-ġbir tal-ħlasijiet tkun żgurata skont id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> u skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE<sup>4</sup>;

---

1 Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59).

2 Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Network Trans-Ewropew tat-Toroq (ĠU L 167, 30.4.2004, p. 39).

3 Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fil-Komunità (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 124).

4 Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE tas-6 ta' Ottubru 2009 dwar id-definizzjoni tas-Servizz Elettroniku Ewropew tan-Nollijiet u l-elementi tekniċi tiegħu (ĠU L 268, 13.10.2009, p. 11).

- (e) kwalunkwe sistema ta' trasport intelliġenti mnedija minn awtorità pubblika għall-infrastruttura tat-trasport bit-triq tikkonforma mad-Direttiva 2010/40/UE u tkun immedija f'konformità mal-atti delegati adottati skont dik id-Direttiva.

### *Artikolu 19*

#### *Prijoritajiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport bit-triq*

Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastruttura tat-toroq u b'żieda mal-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 10, għandha tingħata prijorità lil dawn li ġejjin:

- (a) it-titjib u l-promozzjoni tas-sigurtà fit-toroq;
- (b) l-użu tal-STI, b'mod partikolari sistemi ta' informazzjoni multimodali u l-ġestjoni tat-traffiku u sistemi integrati ta' komunikazzjoni u ta' pagament;
- (c) l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni għall-promozzjoni tat-trasport b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju;
- (d) il-provvediment ta' parkeġġ adegwat għall-utenti kummerċjali li joffru livell xieraq ta' sikurezza u sigurtà;
- (e) il-mitigazzjoni tal-konġestjoni fit-toroq eżistenti.

## TAQSIMA 4

### INFRASTRUTTURA TAT-TRASPORT MARITTIMU U L-AWTOSTRADI TAL-BAĦAR

#### *Artikolu 20*

#### *Komponenti tal-infrastruttura*

1. L-infrastruttura tat-trasport marittimu għandha tinkludi b'mod partikolari:
  - (a) spazju marittimu;
  - (b) kanali fil-baħar;
  - (c) portijiet marittimi, inkluża l-infrastruttura meħtieġa għall-operat tat-trasport fiż-żona tal-port;
  - (d) il-konnessjonijiet tal-portijiet mal-mezzi l-oħra fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport;
  - (e) inklużi d-digi, l-imgħalaq u l-baċiri;
  - (f) għajnuniet navigazzjonali;
  - (g) approċċi għall-portijiet u kanali navigabbli;
  - (h) breakwaters;

- (i) awtostradi tal-baħar;
- (j) tagħmir assoċjat;
- (k) applikazzjonijiet telematiċi, inklużi servizzi Marittimi elettroniċi u VTMIS.

2. Il-portijiet marittimi għandhom ikunu punti ta' dħul u ħruġ għall-infrastruttura tal-art tan-netwerk komprensiv. Huma għandhom jissodisfaw tal-anqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

- (a) il-volum totali annwali ta' traffiku tal-passiġġieri jaqbeż 0,1 % tal-volum totali annwali ta' traffiku tal-passiġġieri tal-portijiet marittimi kollha tal-Unjoni. L-ammont ta' referenza għal dan il-volum totali huwa l-aktar medja reċenti disponibbli meħuda fuq tliet snin, ibbażata fuq l-istatistika ppubblikata mill-Eurostat;
- (b) il-volum totali annwali ta' merkanzija – kemm għall-immaniġġjar tal-merkanzija bil-grossa kif ukoll għal dik mhux bil-grossa – jaqbeż 0,1 % tal-volum totali annwali ta' merkanzija mmaniġġjata fil-portijiet marittimi kollha tal-Unjoni. L-ammont ta' referenza għal dan il-volum totali huwa l-aktar medja reċenti disponibbli meħuda fuq tliet snin, ibbażata fuq l-istatistika ppubblikata mill-Eurostat;
- (c) il-port marittimu jkun jinsab fuq gżira u jipprovdi l-uniku punt ta' aċċess għal reġjun NUTS 3 fin-netwerk komprensiv;
- (d) il-port marittimu jkun jinsab f'reġjun l-aktar imbiegħed jew f'żona periferali, lil hinn minn raġġ ta' 200 kilometru mill-eqreb port fin-netwerk komprensiv.

3. It-tagħmir assoċjat mal-infrastruttura tat-trasport marittimu jista' jinkludi b' mod partikolari tagħmir għall-ġestjoni tat-traffiku u tal-merkanzija, għat-tnaqqis tal-effetti negattivi, inklużi l-effetti ambjentali negattivi u għall-użu tal-karburanti alternattivi, kif ukoll tagħmir li jiżgura navigabbiltà matul is-sena kollha, inkluż tagħmir għat- tkissir tas-silġ, sħarriġ idroloġiku, u għat-tħammil, il-manutenzjoni u l-protezzjoni tal-port u l-approċċi għall-port.

### *Artikolu 21*

#### *Awtostradi tal-baħar*

1. L-awtostradi tal-baħar minħabba li jirrappreżentaw id-dimensjoni marittima tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, jikkontribwixxu għall-ksib ta' spazju ta' trasport marittimu Ewropew mingħajr ostakli. Huma għandhom ikunu magħmula minn rotot tal-baħar ta' distanzi qosra, portijiet, infrastruttura u tagħmir marittimu assoċjati, u faċilitajiet kif ukoll formalitajiet amministrattivi semplifikati li permezz tagħhom ikun possibbli t-trasport bil-baħar fuq distanzi qosra jew servizzi tal-baħar-xmajjar biex joperaw bejn tal-anqas żewġ portijiet, inklużi l-kollegamenti maż-żoni tal-portijiet. L-awtostradi tal-baħar għandhom jinkludu:
  - (a) konnessjonijiet marittimi bejn portijiet marittimi tan-netwerk komprensiv jew bejn port tan-netwerk komprensiv u port ta' pajjiż terz fejn dawn il-links ikunu ta' importanza strateġika għall-Unjoni;

- (b) faċilitajiet tal-port, terminals tal-merkanzija, pjattaformi loġistiċi u postijiet tal-merkanzija li jinsabu barra ż-żona tal-port iżda li huma assoċjati mal-operazzjonijiet tal-port, teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) b'has-sistemi elettroniċi tal-ġestjoni tal-loġistika, u l-proċeduri tas-sikurezza u tas-sigurtà u dawk amministrattivi u doganali f'tal-inqas wieħed mill-Istati Membri;
- (c) infrastruttura għal aċċess dirett għall-art u l-baħar.

2. Proġetti ta' interess komuni għal awtostradi tal-baħar fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għandhom jiġu proposti minn tal-anqas żewġ Stati Membri. Huma għandhom jinkludu:

- (a) konnessjoni marittima u konnessjonijiet mal-postijiet 'il ġewwa fil-pajjiżtagħha fin-netwerk ewlieni bejn żewġ portijiet tan-netwerk ewlieni jew aktar; jew
- (b) konnessjoni marittima u l-konnessjonijiet tal-postijiet 'il ġewwa fil-pajjiż tagħha bejn port tan-netwerk ewlieni u portijiet tan-netwerk komprensiv, b'fokus speċjali fuq il-konnessjonijiet mal-postijiet 'il ġewwa fil-pajjiż tal-portijiet tan-netwerk ewlieni u dawk tan-netwerk komprensiv.

3. Proġetti ta' interess komuni għal awtostradi tal-baħar fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport jistgħu jinkludu wkoll attivitajiet li jkollhom benefiċċji usa' u ma jkunux konnessi ma' portijiet speċifiċi, bħal servizzi u azzjonijiet li jappoġġaw il-mobbiltà tal-persuni u l-oġġetti, attivitajiet għat-titjib tal-prestazzjoni ambjentali, bħall-provvista tal-elettriku maxxut li tgħin lill-vapuri jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom, attivitajiet sabiex il-faċilitajiet għat-tkissir tas-silġ isiru disponibbli, attivitajiet li jiżguraw navigabbiltà matul is-sena kollha, operazzjonijiet ta' tħammil u faċilitajiet alternattivi għall-forniment tal-karburant, kif ukoll l-ottimizzazzjoni tal-proċessi, il-proċeduri u l-element uman, pjattaformi tal-ICT u sistemi tal-informazzjoni, inkluż il-ġestjoni tat-traffiku u s-sistemi elettroniċi ta' rappurtaġġ.
4. Fi żmien sentejn minn meta ġie nominat skont l-Artikolu 45, il-Koordinatur Ewropew għall-awtostradi tal-baħar għandu jippreżenta pjan ta' implimentazzjoni ddettaljat għall-awtostradi tal-baħar abbażi tal-esperjenzi u l-iżviluppi marbuta mat-trasport marittimu tal-Unjoni kif ukoll mat-tbassir ta' traffiku fl-awtostradi tal-baħar.

*Artikolu 22*  
*Rekwiżiti għall-infrastruttura tat-trasport*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:
  - (a) il-portijiet marittimi jkunu konnessi mal-linji ferrovjarji jew it-toroq u, fejn possibbli, mal-passaġġi fuq l-ilma interni tan-netwerk komprensiv, ħliet meta tali konnessjoni tiġi impedita minn restrizzjonijiet fiżiċi.
  - (b) kwalunkwe port marittimu li jservi t-traffiku tal-merkanzija joffri tal-anqas terminal wieħed li jkun miftuħ għall-utenti b'mod mhux diskriminatorju u li japplika tariffi trasparenti;
  - (c) il-kanali fil-baħar, il-kanali navigabbli u l-estwarji tal-portijiet jgħaqqdu żewġ ibħra, jew jipprovdu aċċess mill-baħar għall-portijiet marittimi u jikkorrispondu tal-anqas għall-klassi VI tal-passaġġi fuq l-ilma interni.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-portijiet jinkludu t-tagħmir meħtieġ sabiex ikunu ta' assistenza għall-prestazzjoni ambjentali tal-bastimenti fil-portijiet, b'mod partikolari l-faċilitajiet ta' rimi ta' skart iġġenerat mill-bastimenti u r-residwi tal-merkanzija skont id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> u f'konformità ma' liġi oħra rilevanti tal-UE.
3. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-VTMIS u s-SafeSeaNet kif previst fid-Direttiva 2002/59/KE u għandhom jużaw is-servizzi Marittimi elettroniċi, inkluż b'mod partikolari s-servizzi marittimi ta' "single window", kif inhu previst fid-Direttiva 2010/65/UE.

---

<sup>1</sup> Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 81).

### *Artikolu 23*

#### *Prijoritajiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura marittima*

Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastruttura marittima u b'żieda mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Artikolu 10, għandha tingħata prijorià lil dawn li ġejjin:

- (a) il-promozzjoni ta' awtostradi tal-baħar inkluż trasport bil-baħar għal distanzi qosra, l-iffaċilitar tal-iżvilupp tal-konnessjonijiet mal-intern tal-pajjiż u l-iżvilupp, b'mod partikulari, ta' miżuri għat-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tat-trasport marittimu f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni jew il-ftehimiet internazzjonali rilevanti;
- (b) l-interkonnessjoni tal-portijiet marittimi mal-passaġġi fuq l-ilma interni;
- (c) l-implimentazzjoni ta' VTMS u sevizzi elettroniċi Marittimi;
- (d) l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni għall-promozzjoni ta' karburanti alternattivi u ta' trasport marittimu effiċjenti fl-użu tal-enerġija, bħal-LNG;
- (e) il-modernizzazzjoni u l-espansjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura meħtieġa għall-operat tat-trasport fiż-żona tal-port.

**TAQSIMA 5**  
**INFRASTRUTTURA TAT-TRASPORT BL-AJRU**

*Artikolu 24*  
*Komponenti tal-infrastruttura*

1. L-infrastruttura tat-trasport bl-ajru għandha tinkludi b'mod partikolari:
  - (a) spazju tal-ajru, rotot u passaqġi tal-ajru;
  - (b) ajruporti;
  - (c) il-konnessjonijiet tal-portijiet mal-mezzi l-oħra fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport;
  - (d) tagħmir assoċjat;
  - (e) sistemi ta' navigazzjoni bl-ajru, inkluża s-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (is-"sistema SESAR").

2. L-ajruporti għandhom jikkonformaw ma' wieħed mill-kriterji li ġejjin:
- (a) għall-ajruporti tal-passiġġieri t-traffiku totali annwali tal-passiġġieri jkun tal-anqas 0,1 % tal-volum totali annwali tal-passiġġieri tal-ajruporti kollha tal-Unjoni, sakemm l-ajruport in kwistjoni ma jkunx jinsab lil hinn minn raġġ ta' 100 kilometru mill-eqreb ajruport fin-netwerk komprensiv, jew lil hinn minn raġġ ta' 200 kilometru jekk ir-reġjun li fih ikun jinsab ikun ipprovdut b'linja ferrovjarja ta' veloċità għolja;
  - (b) għall-ajruporti tal-merkanzija l-volum totali annwali tal-merkanzija jkun tal-anqas 0,2 % tal-volum totali annwali tal-merkanzija tal-ajruporti kollha tal-Unjoni.

Il-volum totali annwali tal-passiġġieri u l-volum totali annwali tal-merkanzija huma bbażati fuq l-aktar medja reċenti disponibbli meħuda fuq tliet snin, kif ippubblikat mill-Eurostat.

#### *Artikolu 25*

#### *Rekwiżiti għall-infrastruttura tat-trasport*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ajruport li jinsab fit-territorju tagħhom joffri tal-anqas terminal wieħed li jkun miftuħ għall-operaturi kollha b' mod mhux diskriminatorju u li japplika tariffi trasparenti, rilevanti u ġusti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istandards bażiċi komuni għas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali, kif adottat mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, japplikaw għall-infrastruttura tat-trasport bl-ajru tan-netwerk komprensiv.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru tkun waħda li tippermetti l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> u r-Regolament (KE) Nru 552/2004 u l-operazzjonijiet tat-trasport bl-ajru sabiex tittejjeb il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistema Ewropea tal-avjazzjoni, tar-regoli ta' implimentazzjoni u tal-ispeċifikazzjonijiet tal-Unjoni.

---

1 Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

2 Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1).

3 Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10).

4 Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20).

## *Artikolu 26*

### *Prijoritajiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport bl-ajru*

Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastruttura tat-trasport bl-ajru u b'żieda mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Artikolu 10, għandha tingħata prijorità lil dawn li ġejjin:

- (a) iż-żieda tal-kapaċità tal-ajruport;
- (b) l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew u tas-sistemi tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, b'mod partikolari dawk li jimmobilitizzaw is-sistema SESAR;
- (c) it-titjib tal-interkonnessjonijiet multimodali bejn l-ajruporti u l-infrastruttura għal mezzi tat-trasport oħrajn;
- (d) it-titjib tas-sostenibbiltà u l-mitigazzjoni tal-impatt ambjentali mill-avjazzjoni.

## TAQSIMA 6

### INFRASTRUTTURA GĦAT-TRASPORT MULTIMODALI

#### *Artikolu 27*

#### *Komponenti tal-infrastruttura*

It-terminals tal-merkanzija jew il-pjattaformi loġistiċi għandhom jikkonformaw ma' tal-anqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

- (a) it-trasbord annwali tal-merkanzija tagħhom jaqbeż, għal merkanzija mhux bil-grossa, it-800 000 tunnellata jew għal merkanzija bil-grossa, iż-0,1 % tal-volum korrispondenti totali annwali tal-merkanzija mmaniġġjat fil-portijiet marittimi kollha tal-Unjoni;
- (b) fejn ma jkun hemm ebda terminal tal-merkanzija jew pjattaforma loġistika li jikkonformaw mal-punt (a) f' reġjun NUTS 2, it-terminal jew il-pjattaforma in kwistjoni jkunu t-terminal tal-merkanzija jew il-pjattaforma loġistika ewlenin speċifikati mill-Istat Membru konċernat, konnessi tal-anqas ma' toroq u ferroviji għar-reġjun NUTS 2, jew fil-każ tal-Istati Membri mingħajr sistema ferrovjarja, konnessi biss mat-toroq.

## *Artikolu 28*

### *Rekwiżiti għall-infrastruttura tat-trasport*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'mod ġust u mhux diskriminatorju, li:
  - (a) il-mezzi tat-trasport ikunu konnessi fi kwalunkwe post minn dawn li ġejjin: terminals tal-merkanzija, stazzjonijiet tal-passiġġieri, portijiet interni, ajruporti u portijiet marittimi li permezz tagħhom ikun possibbli t-trasport multimodali tal-passiġġieri u tal-merkanzija;
  - (b) mingħajr preġudizzju għal-liġi applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali, it-terminals tal-merkanzija u l-pjattaformi loġistiċi, il-portijiet interni u dawk marittimi u l-ajruporti għall-immaniġġar tal-merkanzija jkunu mgħammra għall-għoti ta' flussi ta' informazzjoni f'din l-infrastruttura u bejn il-mezzi tat-trasport tul il-katina loġistika. Permezz ta' sistemi b'hal dawn tkun tista' tingħata b'mod partikolari informazzjoni f'ħin reali dwar il-kapaċità tal-infrastruttura disponibbli, il-flussi tat-traffiku u l-pożizzjonar, il-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni, u jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà matul il-vjaġġi multimodali;
  - (c) mingħajr preġudizzju għal-liġi applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali, it-traffiku kontinwu tal-passiġġieri fin-netwerk komprensiv kollu jiġi ffaċilitat permezz ta' tagħmir xieraq u d-disponibbiltà ta' applikazzjonijiet telematiċi fl-istazzjonijiet ferrovjarji, l-istazzjonijiet tal-kowċijiet, l-ajruporti u fejn rilevanti l-portijiet marittimi u dawk tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

2. It-terminals tat-trasport tal-merkanzija għandhom ikunu mgħammra bi krejnijiet, ċineg li jittrasportaw u strumenti oħrajn għaċ-ċaqliq ta' merkanzija bejn mezzi differenti ta' trasport u għall-pożizzjonar u l-ħżin tal-merkanzija.

*Artikolu 29*

*Prijoritajiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport multimodali*

Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastruttura tat-trasport multimodali u b'żieda mal-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 10, għandha tingħata prijorità lil dawn li ġejjin:

- (a) il-provvediment ta' interkonnessjoni u integrazzjoni effettivi tal-infrastruttura tan-netwerk komprensiv, inkluż permezz ta' infrastruttura ta' aċċess fejn meħtiegħ u permezz ta' terminals tat-trasport tal-merkanzija u pjattaformi loġistiċi;
- (b) it-tneħħija tal-ostakli tekniċi u amministrattivi ewlenin għat-trasport multimodali;
- (c) l-iżvilupp ta' fluss mingħajr xkiel ta' informazzjoni bejn il-mezzi tat-trasport u l-għoti ta' servizzi multimodali u ta' mezz uniku fis-sistema trans-Ewropea tat-trasport kollha.

**TAQSIMA 7**  
**DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI**

*Artikolu 30*

*Nodi urbani*

Meta jkunu qegħdin jiżviluppaw in-netwerk komprensiv fin-nodi urbani, l-Istati Membri għandhom, fejn fattibbli, ikollhom l-għan li jiżguraw:

- (a) għat-trasport tal-passiġġieri: interkonnessjoni bejn l-infrastruttura ferrovjarja, tat-toroq, tal-ajru u, kif xieraq, tal-passaġġi fuq l-ilma interni u dik marittima tan-netwerk komprensiv;
- (b) għat-trasport tal-merkanzija: interkonnessjoni bejn l-infrastruttura ferrovjarja, tat-toroq, u kif xieraq, tal-passaġġi fuq l-ilma interni, u dik marittima u tal-ajru tan-netwerk komprensiv;
- (c) konnessjoni adegwata bejn stazzjonijiet ferrovjarji differenti, portijiet jew ajruporti tan-netwerk komprensiv fin-nodu urban;
- (d) konnessjoni mingħajr xkiel bejn l-infrastruttura tan-netwerk komprensiv u l-infrastruttura għat-traffiku reġjonali u lokali, u l-kunsinna tal-merkanzija urbana, inklużi ċ-ċentri ta' konsolidazzjoni u distribuzzjoni loġistiċi;

- (e) il-mitigazzjoni tal-esponiment ta' żoni urbani għall-effetti negattivi tat-trasport ta' transitu bil-ferrovija jew bit-triq, li jista' jinkludi li jinqabżu ż-żoni urbani;
- (f) il-promozzjoni ta' kunsinna effiċjenti tal-merkanzija urbana mhux storbuża u b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju.

### *Artikolu 31*

#### *Applikazzjonijiet telematiċi*

1. L-applikazzjonijiet telematiċi għandhom ikunu tali li jippermettu ġestjoni tat-traffiku u skambju ta' informazzjoni fi ħdan il-mezzi tat-trasport u bejniethom għal operazzjonijiet tat-trasport multimodali u servizzi b'valur miżjud relatati mat-trasport, it-titjib tas-sikurezza, is-sigurtà u l-prestazzjoni ambjentali, u proċeduri amministrattivi simplifikati. L-applikazzjonijiet telematiċi għandhom jiffaċilitaw il-konnessjoni mingħajr xkiel bejn l-infrastruttura tan-netwerk komprensiv u l-infrastruttura għat-trasport reġjonali u lokali.
2. L-applikazzjonijiet telematiċi għandhom jintużaw mal-Unjoni kollha fejn hu fattibbli, sabiex ikun possibbli li tkun teżisti ġabra ta' kapaċitajiet bażiċi interoperabbli fl-Istati Membri kollha.

3. L-applikazzjonijiet telematiċi msemmijin f'dan l-Artikolu, għall-mezzi tat-trasport rispettivi, għandhom jinkludu b'mod partikolari:
- għall-ferroviji: ERTMS;
  - għall-passaġġi fuq l-ilma interni: RIS;
  - għat-trasport bit-toroq: ITS;
  - għat-trasport marittimu: VTMS u servizzi Marittimi elettroniċi, inkluż servizzi ta' "single-window" għall-affarijiet marittimi, sistemi tal-komunità tal-port u sistemi rilevanti ta' informazzjoni dwar id-dwana;
  - għat-trasport bl-ajru: sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mis-sistema SESAR.

## *Artikolu 32*

### *Servizzi tat-trasport tal-merkanzija sostenibbli*

L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-proġetti ta' interess komuni li mhux biss jipprovdu servizzi effiċjenti ta' trasport tal-merkanzija li jużaw l-infrastruttura tan-netwerk komprensiv u li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju u impatti ambjentali negattivi oħra maħsuba biex:

- (a) itejbu l-użu sostenibbli tal-infrastruttura tat-trasport, inkluż il-ġestjoni effiċjenti tagħha;
- (b) jipromwovu l-mobilizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport innovattivi, inkluż permezz tal-awtostradi tal-baħar, l-applikazzjonijiet telematiċi u l-iżvilupp tal-infrastruttura anċillari, meħtieġa biex prinċipalment jinkisbu l-għanijiet ambjentali u ta' sikurezza marbuta ma' dawk is-servizzi, kif ukoll l-istabbiliment ta' strutturi ta' governanza rilevanti;
- (c) jiffaċilitaw operazzjonijiet tas-servizz tat-trasport multimodali inklużi l-flussi ta' informazzjoni meħtieġa li jakkumpanjawhom u jtejbu l-kooperazzjoni bejn il-fornituri tas-servizz tat-trasport;
- (d) jistimulaw l-użu effiċjenti ta' riżorsi u ta' karbonju, b'mod partikolari fl-oqsma tat-trazzjoni tal-vetturi, is-sewqan/tisħin bil-fwar, l-ippjanar tas-sistemi u tal-operazzjonijiet;

- (e) janalizzaw u jipprovdu informazzjoni dwar il-karatteristiċi u l-prestazzjoni tal-flotot, ir-  
rekwiżiti amministrattivi u r-riżorsi umani;
- (f) titjib tal-konnessjonijiet mal-partijiet l-aktar vulnerabbli u iżolati tal-Unjoni, b'mod  
partikolari r-reġjuni l-aktar imbiegħda, il-gżejjer, dawk remoti u muntanjużi.

### *Artikolu 33*

#### *Teknoloġiji ġodda u innovazzjoni*

Sabiex in-netwerk komprensiv ilaħħaq mal-iżviluppi u l-mobilizzazzjonijiet teknoloġiċi innovattivi, l-għanijiet għandhom ikunu partikolarment li:

- (a) jappoġġaw u jippromwovu d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport permezz ta' transizzjoni lejn  
teknoloġiji innovattivi u sostenibbli tat-trasport;
- (b) jagħmlu d-dekarbonizzazzjoni tal-mezzi kollha tat-trasport possibbli billi jstimulaw l-użu  
effiċjenti tal-enerġija, jintroduċu sistemi ta' propulsjoni alternattivi, inklużi sistemi ta'  
provvista ta' elettriku, u jipprovdu infrastruttura korrispondenti. Infrastruttura b'hal din  
tista' tinkludi gradilji u faċilitajiet oħrajn meħtieġa għall-provvista tal-enerġija, tista' tiegħu  
kont tal-infrastruttura - interfaċċja tal-vetturi u tista' tinkludi l-applikazzjonijiet telematiċi;
- (c) itejbu s-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-moviment ta' persuni u tat-trasport tal-merkanzija;

- (d) itejbu t-tħaddim, il-ġestjoni, l-aċċessibbiltà, l-interoperabbiltà, il-multimodalità u l-effiċjenza tan-netwerk, inkluż permezz tax-xiri ta' biljetti multimodali u l-koordinazzjoni ta' skedi tal-ivvjaġġar;
- (e) jippromwovu modi effiċjenti biex tingħata informazzjoni aċċessibbli u komprensibbli liċ-ċittadini kollha dwar interkonnnessjonijiet, interoperabbiltà u multimodalità
- (f) jippromwovu miżuri għat-tnaqqis tal-kostijiet esterni, bħall-konġestjoni, il-ħsara għas-saħħa u t-tniġġis ta' kwalunkwe tip, inkluż l-istorbju u l-emissjonijiet;
- (g) jintroduċu teknoloġija ta' sigurtà u standards tal-identifikazzjoni kompatibbli fuq in-networks;
- (h) itejbu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima;
- (i) javvanzaw aktar l-iżvilupp u l-mobilizzazzjoni tal-applikazzjonijiet telematiċi fil-mezzi tat-trasport u bejniethom.

#### *Artikolu 34*

#### *Infrastruttura sigura u sikura*

L-Istati Membri għandhom iqisu li jiżguraw li l-infrastruttura tat-trasport tipprovdi għall-movimenti sigur u sikur tal-passiġġieri u tal-merkanzija.

### *Artikolu 35*

#### *Infrastruttura b'garanzija li tiffлах għat-tibdil fil-klima u għad-diżastri ambjentali*

Waqt l-ippjanar tal-infrastruttura, l-Istati Membri ser jagħtu konsiderazzjoni dovuta għat-titjib tar-reżistenza għat-tibdil fil-klima, u għad-diżastri ambjentali.

### *Artikolu 36*

#### *Protezzjoni ambjentali*

Valutazzjoni ambjentali ta' pjanijiet u proġetti għandha titwettaq f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar l-ambjent, inklużi d-Direttivi 92/43/KEE, 2000/60/KE, 2001/42/KE, 2009/147/KE u 2011/92/UE.

### *Artikolu 37*

#### *Aċċessibilità għall-utenti kollha*

L-infrastruttura tat-trasport ser tippermetti l-mobbiltà u aċċessibilità mingħajr xkiel għall-utenti kollha, b'mod partikolari l-persuni anzjani, il-persuni b'mobbiltà mnaqqa u l-passiġġieri b'diżabilità.

Id-disinn u l-konstruzzjoni tal-infrastruttura tat-trasport għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti rilevanti mniżżlin fil-liġi tal-Unjoni.

## KAPITOLU III

### IN-NETWERK EWLIENI

#### *Artikolu 38*

#### *Identifikazzjoni tan-netwerk ewlieni*

1. In-netwerk ewlieni, kif jidher fuq il-mapep li jinsabu fl-Anness I, għandu jikkonsisti minn dawk il-partijiet tan-netwerk komprensiv li huma tal-ogħla importanza mil-lat strateġiku sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, u għandu jirrifletti d-domanda tat-traffiku li qed tevolvi u l-ħtieġa għal trasport multimodali. Dan għandu b'mod partikolari jikkontribwixxi kemm għall-ġestjoni tajba tal-mobbiltà li dejjem qiegħda tiżdied u għall-iżgurar ta' standard għoli ta' sikurezza kif ukoll tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistema tat-trasport b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju.
2. In-netwerk ewlieni għandu jkun interkonness permezz ta' nodi u jipprevedi konnessjonijiet bejn l-Istati Membri u man-netwerks tal-infrastruttura tat-trasport tal-pajjiżi tal-viċinat.
3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(4) u l-Artikolu 41(2) u (3), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adatti biex in-netwerk ewlieni jiġi żviluppab sabiex jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu sal-31 ta' Diċembru 2030.

Skont l-Artikolu 54, l-implimentazzjoni tan-netwerk ewlieni għandha tiġi evalwata mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2023.

*Artikolu 39*

*Rekwiżiti tal-infrastruttura*

1. Għandhom jitqiesu teknoloġiji innovattivi, u miżuri tal-applikazzjonijiet telematiċi u miżuri regolatorji u ta' governanza għall-ġestjoni tal-użu tal-infrastruttura sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti ta' riżorsi tal-infrastruttura tat-trasport kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija u tiġi prevista kapacià suffiċjenti.
2. L-infrastruttura tan-netwerk ewlieni għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha stipulati fil-Kapitolu II. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti mill-infrastruttura tan-netwerk ewlieni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3:
  - (a) għall-infrastruttura tat-trasport bit-triq:
    - (i) elettrifikazzjoni sħiħa tal-binarji ferrovjarji u, sa fejn hu meħtieġ għall-operazzjonijiet tal-ferroviji elettriċi, binarji żgħar;
    - (ii) linji ta' merkanzija tan-netwerk ewlieni kif indikat fl-Anness I: tal-anqas 22,5 t ta' tagħbija fuq il-fus, veloċità tal-linja ta' 100 km/s u l-possibbiltà li l-ferroviji joperaw b'tul ta' 740 m;
    - (iii) mobilizzazzjoni sħiħa tal-ERTMS;

- (iv) wisa' nominali bejn il-binarji ta' linja ferrovjarja għal-linji ferrovjarji ġodda: 1435 mm minbarra f'każjiet fejn il-linja l-ġdida testendi netwerk li l-wisa' bejn il-binarji tiegħu tkun differenti u mhux relatata mal-linji ferrovjarji ewlenin fl-Unjoni.

Netwerks iżolati huma eżentati mir-rekwiżiti (i) sa (iii);

- (b) għall-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu:
- karburanti nodfa alternattivi disponibbli;
- (c) għall-infrastruttura tat-trasport bit-triq:
- ir-rekwiżiti taħt il-punti (a) jew (b) tal-Artikolu 17(3);
  - l-iżvilupp ta' żoni ta' mistrieħ fl-awtostradi madwar kull 100 kilometru f'konformità mal-ħtiġijiet tas-soċjetà, tas-suq u tal-ambjent, sabiex fost l-oħrajn jiġi pprovdut parkeġġ xieraq għall-utenti kummerċjali tat-toroq b'livell xieraq ta' sikurezza u sigurtà;
  - karburanti nodfa alternattivi disponibbli;
- (d) għall-infrastruttura tat-trasport bl-ajru:
- kapaċità li jkun hemm karburanti nodfa alternattivi disponibbli.

3. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/57/KE, fuq it-talba ta' Stat Membru, fir-rigward tal-infrastrutturi tat-trasport bil-ferrovija, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Kummissjoni f'każijiet ġustifikati kif xieraq fir-rigward tat-tul tal-ferrovija, l-ERTMS, it-tagħbija fuq il-fus, l-eletrifikazzjoni u l-veloċità tal-linja.

Fuq it-talba ta' Stat Membru, fir-rigward tal-infrastruttura tat-trasport bit-triq, eżenzjonijiet mid-dispożizzjonijiet tal-punti (a) jew (b) tal-Artikolu 17(3) jistgħu jingħataw mill-Kummissjoni f'każijiet iġġustifikati kif xieraq, sakemm ikun żgurat livell xieraq ta' sigurtà.

Il-każijiet iġġustifikati kif xieraq imsemmijin f'dan il-paragrafu għandhom jinkludu każijiet fejn l-investiment tal-infrastruttura ma jistax jiġi ġġustifikat f'termini soċjoekonomiċi u ta' kostijiet u benefiċċji.

#### *Artikolu 40*

#### *Żvilupp tan-netwerk ewlieni*

L-infrastruttura tat-trasport inkluża fin-netwerk ewlieni għandha tiġi żviluppata skont id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Kapitolu II.

*Artikolu 41*  
*Nodi tan-netwerk ewlieni*

1. In-nodi tan-netwerk ewlieni huma stabbiliti fl-Anness II u jinkludu:
  - (a) nodi urbani, inklużi l-portijiet u l-ajruporti tagħhom;
  - (b) portijiet marittimi u portijiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni;
  - (c) punti ta' qsim tal-fruntiera f' pajjiżi tal-viċinat;
  - (d) terminals stradali-ferrovjarji;
  - (e) ajruporti tal-passiġġieri u tal-merkanzija.
  
2. Il-portijiet marittimi tan-netwerk ewlieni indikati fil-Parti 2 tal-Anness II għandhom ikunu konnessi mal-infrastruttura tat-trasport bil-ferrovija u dak bit-triq u, fejn possibbli, tal-passaġġi fuq l-ilma interni tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u, sal-31 ta' Diċembru 2030, minbarra f'każijiet fejn ikun hemm restrizzjonijiet fiżiċi li jipprojbixxu din il-konnessjoni.
  
3. L-ajruporti ewlenin indikati fil-Parti 2 tal-Anness II għandhom ikunu konnessi mal-infrastruttura tat-trasport bil-ferrovija u dik tat-trasport bit-triq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport sal-31 ta' Diċembru 2050, minbarra f'każijiet fejn ikun hemm restrizzjonijiet fiżiċi li jipprojbixxu tali konnessjoni. B'kont meħud tad-domanda potenzjali tat-traffiku, ajruporti bħal dawn għandhom jiġu integrati fin-netwerk ferrovjarju ta' veloċità għolja kull fejn possibbli.

# KAPITOLU IV

## IMPLIMENTAZZJONI TAN-NETWERK EWLIENI PERMEZZ TA' KURITURI TAN-NETWERK EWLIENI

### *Artikolu 42*

#### *L-istrument tal-kurituri tat-trasport ewlieni*

1. Il-kurituri tan-netwerk ewlieni huma strument li jiffaċilita l-implimentazzjoni koordinata tan-netwerk ewlieni. Sabiex iwasslu għal trasport multimodali b'użu effiċjenti ta' riżorsi, biex b'hekk jikkontribbwixxu għall-koeżjoni permezz ta' kooperazzjoni territorjali mtejba, il-kurituri tan-netwerk ewlieni għandhom jikkonċentraw fuq:
  - (a) integrazzjoni modali,
  - (b) interoperabbiltà, u
  - (c) żvilupp koordinat tal-infrastruttura, b'mod partikolari f'sezzjonijiet transkonfinali u ta' konġestjoni.
  
2. Permezz tal-kurituri tan-netwerk ewlieni l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jadottaw approċċ koordinat u sinkronizzat fir-rigward ta' investiment fl-infrastruttura, sabiex jieħdu ħsieb il-kapaċitajiet bl-aktar mod effiċjenti. Il-kurituri tan-netwerk ewlieni għandhom jappoġġaw il-mobilizzazzjoni komprensiva ta' sistemi interoperabbli tal-ġestjoni tat-traffiku u, fejn xieraq, l-użu tal-innovazzjoni u teknoloġiji ġodda.

### *Artikolu 43*

#### *Definizzjoni tal-kurituri tan-newterk ewlieni*

1. Il-kurituri tan-netwerk ewlieni jkopru l-aktar flussi fuq distanzi twal importanti fin-netwerk ewlieni u huma maħsuba, b'mod partikolari, biex itejbu l-links transkonfinali fl-Unjoni.
2. Il-kurituri tan-netwerk ewlieni għandhom ikunu multimodali u miftuħa għall-inklużjoni tal-mezzi kollha ta' trasport kopert f'dan ir-Regolament. Dawn jaqsmu tal-anqas żewġ fruntieri u jinvolvu, jekk possibbli, tal-anqas tliet mezz ta' trasport, inkluż, fejn xieraq, awtostradi tal-baħar.

### *Artikolu 44*

#### *Lista tal-kurituri tan-newterk ewlieni*

1. Il-lista tal-kurituri tan-netwerk ewlieni tinsab fil-Parti I tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru ... /2013\*. L-Istati Membri għandhom jipparteċipaw, kif previst f'dan il-Kapitolu, f'dawk il-kurituri tan-netwerk.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli mapep indikattivi skematiċi tal-kurituri tan-netwerk ewlieni f'format faċilment aċċessebbli għall-pubbliku.

---

\* ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 76/13.

## *Artikolu 45*

### *Koordinazzjoni tal-kuritur tan-newterk ewlieni*

1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni koordinata tal-kuritur tan-netwerk ewlieni, l-ERTMS u l-awtostradi tal-baħar, il-Kummissjoni għandha, bi qbil mal-Istati Membri konċernati, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, u mal-Kunsill tinnomina Koordinatur Ewropew wieħed jew aktar.
2. Il-Koordinatur Ewropew għandu jintgħażel, b'mod partikolari, fuq il-bażi tal-għarfien tiegħu/tagħha tal-kwistjonijiet relatati mat-trasport u mal-finanzjament u/jew l-evalwazzjoni soċjoekonomika u ambjentali tal-proġetti ewlenin, kif ukoll mal-esperjenza tiegħu/tagħha tal-istituzzjonijiet Ewropej.
3. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinnomina Koordinatur Ewropew għandha tispeċifika kif il-kompiti msemmijin fil-paragrafu 5 għandhom jitwettqu.
4. Il-Koordinatur Ewropew għandu jaġixxi f'isem il-Kummissjoni, li għandha tipprovdi assistenza segretarjali meħtieġa. Il-mandat tal-Koordinatur Ewropew għandu jkun relatat ma' kuritur uniku tan-netwerk ewlieni jew mal-implimentazzjoni tal-ERTMS jew mal-implimentazzjoni tal-awtostradi tal-baħar, rispettivament.

5. Il-Koordinatur Ewropew għandu:

- (a) jappoġġa l-implimentazzjoni koordinata tal-kuritur tan-netwerk ewlieni konċernat, u b'mod partikolari l-implimentazzjoni fil-ħin tal-pjan ta' ħidma għal dak il-kuritur tan-netwerk ewlieni;
- (b) iħejji l-pjan ta' ħidma tal-kuritur flimkien mal-Istati Membri u jissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu;
- (c) jikkonsulta mal-Forum tal-Kuritur f'rabta ma' dak il-pjan u l-implimentazzjoni tiegħu;
- (d) jirrapporta lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u, skont kif xieraq, lill-entitajiet l-oħrajn kollha involuti direttament fl-iżvilupp tal-kuritur tan-netwerk ewlieni dwar kwalunkwe diffikultà li tinħoloq, b'mod partikolari meta l-iżvilupp ta' kuritur ikun qed jiġi mxekkel, bil-għan li jgħin sabiex jinstabu soluzzjonijiet xierqa;
- (e) jagħmel rapport kull sena għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati dwar il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-kuritur tan-netwerk ewlieni;
- (f) jeżamina d-domanda għas-servizzi ta' trasport, il-possibiltajiet ta' fondi ta' investiment u finanzjament u l-passi li għandhom jittieħdu u l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal fondi jew finanzjament bħal dawn u jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.

6. Il-Koordinatur Ewropew jista' jikkonsulta, flimkien mal-Istati Membri kkonċernati, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-operaturi tat-trasport, l-ustenti tat-trasport u r-rappreżentati tas-soċjetà ċivili frabta mal-pjan ta' ħidma u l-implimentazzjoni tiegħu.
7. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw mal-Koordinatur Ewropew u jagħtu lill-Koordinatur l-informazzjoni mitluba sabiex jitwettqu l-kompiti stabbiliti f'dan l-Artikolu, inkluża informazzjoni dwar l-iżvilupp ta' kurituri fi kwalunkwe pjan infrastrutturali nazzjonali rilevanti.
8. Mingħajr preġudizzju għal-liġi applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali, il-Kummissjoni tista' titlob l-opinjoni tal-Koordinatur Ewropew fl-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-fondi tal-Unjoni għall-kurituri tan-netwerk ewlieni li għalihom il-Koordinatur Ewropew ikun responsabbli biex jiżgura l-konsistenza u l-progress ta' kull kuritur.
9. Jekk il-Koordinatur Ewropew ma jkunx kapaċi jwettaq il-mandat tiegħu jew tagħha b'mod sodisfaċenti u f'konformità mar-rekwiżiti mniżżla f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe ħin, fi qbil mal-Istati Membri kkonċernati, tittermina dak il-mandat. F'konformità mal-proċedura stabbilita f'paragrafu 1 jista' jiġi nnominat sostitut.

## *Artikolu 46*

### *Governanza tal-kuritur tan-netwerk ewlieni*

1. Għal kull kuritur tan-netwerk ewlieni, il-Koordinatur Ewropew rilevanti ser ikun assistit fil-prestazzjoni tal-kompiti tiegħu/tagħha dwar il-pjan ta' ħidma u l-implimentazzjoni tiegħu minn segretarjat u minn forum konsultattiv (il-Forum tal-Kuritur). Bi ftehim mal-Istati Membri kkonċernati, għandu jiġi stabbilit il-Forum tal-Kuritur u ppresedut mill-Koordinatur Ewropew. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jaqblu dwar is-sħubija tal-Forum tal-Kuritur min-naħa tagħhom tal-kuritur tan-netwerk ewlieni.
2. Bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati, il-Koordinatur jista' jistabbilixxi u jippresiedi gruppi ta' ħidma dwar il-kuritur li jikkonċentraw fuq:
  - (a) integrazzjoni modali,
  - (b) interoperabbiltà,
  - (c) żvilupp koordinat tal-infrastruttura f'sezzjonijiet transkonfinali.

*Artikolu 47*  
*Pjan ta' ħidma*

1. Kull Koordinatur Ewropew għandu, sa... \*, jibgħat lill-Istati Membri kkonċernati pjan ta' ħidma li janalizza l-iżvilupp tal-kuritur. Wara li jkun għe approvat mill-Istati Membri kkonċernati, il-pjan ta' ħidma għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-informazzjoni.

Il-pjan ta' ħidma għandu jinkludi b'mod partikolari deskrizzjoni tal-karatteristiċi, taqsimiet transkonfinali u l-objettivi tal-kuritur tan-netwerk ewlieni, billi jiġu applikati l-objettivi u l-prijoritajiet li jinsabu fl-Artikoli 4 u 10. Il-pjan ta' ħidma għandu jinkludi analiżi ta':

- (a) l-użu tas-sistemi interoperabbli tal-ġestjoni tat-traffiku;
- (b) pjan għat-tneħħija tal-ostakli fiżiċi, tekniċi, operattivi u amministrattivi bejn u fil-mezzi tat-trasport u għat-titjib tat-trasport u s-servizzi multimodali effiċjenti;
- (c) fejn xieraq, miżuri għat-titjib tal-kapaċità amministrattiva u teknika sabiex jiġu maħsuba, ippjanati, imfassla, akkwistati, implimentati u mmonitorjati proġetti ta' interess komuni;

---

\* ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data: sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

- (d) l-impatti possibbli tat-tibdil fil-klima fuq l-infrastruttura u fejn xieraq miżuri proposti għat-titjib tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima;
- (e) miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiġu mitigati l-emissjonijiet ta' gass serra, l-istorbju u, fejn xieraq, impatti ambjentali negattivi oħra;

Il-pjan ta' ħidma għandu jinkludi dettalji tal-konsultazzjonijiet pubbliċi li jappoġġaw l-iżvilupp tal-pjan ta' ħidma u l-implimentazzjoni tiegħu.

Il-pjan ta' ħidma għandu jinkludi analiżi tal-investment meħtieġ, inklużi:

- il-lista ta' proġetti għall-estensjoni, it-tiġdid jew il-mobilizzazzjoni mill-ġdid tal-infrastruttura tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 2(2) għal kull wieħed mill-mezzi tat-trasport involuti fil-kuritur tan-netwerk ewlieni;
- id-diversi sorsi maħsuba bi sħubija mal-Istati Membri kkonċernati għal fondi u finanzjament, f'livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, lokali u tal-Unjoni, inkluż, fejn possibbli, sistemi assenjati għall-finanzjament reċiproku kif ukoll kapital privat, flimkien mal-ammont ta' impenji diġà meħuda u, fejn applikabbli, referenza għall-kontribuzzjoni mill-Unjoni prevista taħt il-programmi finanzjarji tal-Unjoni.

2. Soġġett għall-Artikolu 1(4) u l-Artikolu 54, u wara l-approvazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni għad-dimensjonijiet transkonfinali u orizzontali tal-pjanijiet ta' ħidma tal-kuritur tan-netwerk ewlieni.

Meta adottati, il-Kummissjoni għandha tadatta dawk l-atti ta' implimentazzjoni, wara l-approvazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati, biex tiegħu kont tal-progress li jkun sar, tad-dewmien li jiltaqgħu miegħu jew tal-programmi nazzjonali aġġornati.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 52(2).

3. Il-Koordinatur Ewropew għandu jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma, b'mod partikolari rigward:

- (a) l-ippjanar tal-investiment, il-kostijiet relatati u l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni, ikkalkolati kif meħtieġ sabiex jiġu implimentati l-kurituri tan-netwerk ewlieni;
- (b) id-definizzjoni tal-miżuri maħsuba biex jippromwovu l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda fil-ġestjoni tat-traffiku u l-kapaċitajiet u, fejn adatt, biex inaqqsu l-kostijiet esterni, b'mod partikolari l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-istorbju.

*Artikolu 48*

*Kooperazzjoni mal-Kurituri Ferrovjarji tal-Merkanzija*

1. Koordinazzjoni adegwata għandha tiġi żgurata bejn il-kurituri tan-netwerk ewlieni u l-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 913/2010, sabiex tiġi evitata kwalunkwe attività doppja, b'mod partikolari meta jkun qed jiġi stabbilit pjan ta' ħidma jew qed jitwaqqfu l-gruppi ta' ħidma.
2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-istrutturi ta' governanza li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 913/2010.

## **KAPITOLU V**

### **DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI**

*Artikolu 49*

*Aġġornament u rappurtaġġ*

1. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni fuq bażi regolari, komprensiva u trasparenti dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' proġetti u l-investimenti li jkunu saru għal dak il-għan. Dan għandu jinkludi t-trasmissjoni tad-data annwali sa fejn hu possibbli sa fejn possibbli permezz tas-sistema ta' informazzjoni ġeografika u teknika interattiva għan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TENtec). Hija għandha tinkludi d-data kollha rilevanti dwar il-proġetti ta' interess komuni li qed jirċievu l-fondi tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li t-TENtec tkun aċċessibbli pubblikament u faċilment u li jkun fiha informazzjoni speċifika għal proġett u aġġornata dwar il-forom u l-ammonti ta' kofinanzjament tal-Unjoni, kif ukoll dwar il-progress ta' kull proġett.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li t-TENtec mhux ser tagħmel informazzjoni disponibbli għall-pubbliku li tkun kummerċjalment kunfidenzjali, jew li tista' tippreġudika jew tinfluenza b'mod inkorrett kwalunkwe proċess ta' akkwist pubbliku fi Stat Membru.

Il-Kummissjoni ser tagħmel disponibbli informazzjoni dwar assistenza finanzjarja mogħtija taħt il-liġi tal-Unjoni, inklużi il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Orizzont 2020 u dik fil-forom ta' self u strumenti finanzjarji stabbiliti mill-Bank Ewropew tal-Investment.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'sommarji tal-pjanijiet u l-programmi nazzjonali li huma qed ifasslu bil-ħsieb tal-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew. Ladarba jiġu adottati, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-pjanijiet u l-programmi nazzjonali lill-Kummissjoni għall-informazzjoni.

3. Kull sentejn minn \*, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tiegħu, li għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni għall-informazzjoni. Ir-rapport għandu jkopri l-użu ta' diversi forom ta' assistenza finanzjarja imsemmija fil-paragrafu 1, għad-diversi mezzi ta' trasport u elementi oħra tan-netwerks ewlieni u komprensiv f'kull Stat Membru.

Ir-rapport għandu wkoll janalizza l-iżvilupp tan-netwerk Trans-Ewropew tat-trasport. Huwa għandu wkoll jirrimarka l-koordinazzjoni tal-Kummissjoni tal-forom ta' assistenza finanzjarja bil-għan li jappoġġa applikazzjoni koerenti għal-linji gwida f'konformità mal-oġettivi u l-prijoritajiet tagħhom.

4. Soġġett għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 53 ta' dan ir-Regolament dwar l-adattament tal-Annessi I u II, sabiex tikkunsidra l-bidliet possibbli li jirriżultaw mil-livelli limitu kwantitattivi stabbiliti fl-Artikoli 14, 20, 24 u 27 ta' dan ir-Regolament. Meta tkun qiegħda tadotta dawk l-Annessi, il-Kummissjoni għandha:

- (a) tinkludi pjattaformi loġistiċi, terminals tal-merkanzija, terminals stradali-ferrovjarji, portijiet interni, portijiet marittimi u ajruporti fin-netwerk komprensiv, jekk jintwera li l-aktar medja reċenti meħuda fuq sentejn tal-volum tat-traffiku tkun taqbeż il-livell limitu rilevanti;

---

\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

- (b) teskludi pjattaformi loġistiċi, terminals tal-merkanzija, terminals stradali-ferrovjarji, portijiet interni, portijiet marittimi u ajruporti min-netwerk komprensiv, jekk jintwera li l-medja tal-volum tat-traffiku tagħhom meħuda fuq l-aħħar sitt snin tkun inqas mill-livell limitu rilevanti;
- (c) taġġusta l-mapep għall-infrastruttura tat-toroq, il-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni b'mod strettament limitat biex jiġi rifless il-progress fit-tkomplija tan-netwerk. Meta tkun qiegħda taġġusta dawk il-mapep, il-Kummissjoni ma għandha taċċetta ebda aġġustament fl-allinjament tar-rotot lil hinn minn dak li huwa permess mill-proċedura rilevanti ta' awtorizzazzjoni tal-proġett.

L-adattazzjonijiet taħt il-punti (a) u (b) għandhom ikunu bbażati fuq l-aktar statistika disponibbli reċenti ppubblikata mill-Eurostat jew, jekk dik l-istatistika ma tkunx disponibbli, mill-uffiċċji tal-istatistika nazzjonali tal-Istati Membri. L-adattamenti taħt il-punt (c) għandhom ikunu bbażati fuq l-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru kkonċernat skont l-paragrafu 1.

5. Proġetti ta' interess komuni li jikkonċernaw infrastruttura li għadha kif ġiet inkluża permezz ta' att iddelegat fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għandhom ikunu eliġibbli għall-finijiet tal-Artikolu 7(5) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawk l-atti ddelegati adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Proġetti ta' interess komuni li jikkonċernaw l-infrastruttura li ġew esklużi min-network trans-Ewropew tat-trasport ma jibqgħux eliġibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti ddelegati adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. It-tmiem tal-eliġibbiltà m'għandux jaffettwa d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jew għotja meħuda mill-Kummissjoni qabel dik id-data.

6. Soġġett għall-Artikolu 172(2) TFUE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 53 ta' dan ir-Regolament dwar l-adattament tal-Anness III sabies tinkludi jew tadatta mapep indikattivi ta' pajjiżi ġirien, ibbażati fuq arranġamenti ta' livelli għolji dwar in-networks tal-infrastruttura tat-trasport bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien ikkonċernati.

#### *Artikolu 50*

##### *Involviment tal-pubbliku u l-partijiet interessati privati*

1. Proġetti ta' interess komuni jirrelataw mal-partijiet interessati direttament ikkonċernati. Dawn jistgħu jkunu entitajiet li mhumiex Stati Membri, li jistgħu jinkludu awtoritajiet reġjonali u lokali, maniġers u utenti tal-infrastruttura kif ukoll l-industrija u s-soċjetà ċivili.
2. Il-fażi tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni ta' proġett għandha tkun konformi, fejn hu xieraq, mal-proċeduri nazzjonali li jirrigwardaw l-awtoritajiet reġjonali u lokali kif ukoll is-soċjetà ċivili affettwata minn proġett ta' interess komuni. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajbin f'dan ir-rigward.

3. Il-partijiet interessati msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tagħhom, flimkien mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-Fond ta' Koeżjoni, jużaw ukoll programmi Ewropew oħra speċifiċi, b'mod partikolari dawk li jappoġġaw l-iżvilupp reġjonali, il-'Kooperazzjoni Territorjali Ewropea', ir-'Riċerka u l-Innovazzjoni' jew l-'azzjoni Ambjentali u tal-Klima'. B'hekk, dawk il-partijiet interessati jistgħu jikkontribbwxu għall-ksib tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u barra minn hekk speċifikament isaħħu:
- (a) it-tisħiħ tal-mobbiltà reġjonali, u b'hekk il-promozzjoni tal-aċċess tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għar-reġjuni kollha tal-Unjoni;
  - (b) il-promozzjoni tal-proġetti transkonfinali;
  - (c) l-integrazzjoni tan-nodi urbani fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (inkluż il-promozzjoni tal-mobbiltà urbana sostenibbli);
  - (d) il-promozzjoni tas-soluzzjonijiet sostenibbli tat-trasport, bħall-aċċessibbiltà msaħħa tat-trasport pubbliku, l-applikazzjonijiet telematiċi, terminals intermodali/katini ta' trasport multimodali, soluzzjonijiet ta' trasport b'emissjonijiet baxxi ta' karbonu u oħrajn innovattivi u t-titjib ambjentali;
  - (e) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati differenti.

### *Artikolu 51*

#### *Il-prinċipji sottostanti*

*għall-valutazzjoni tal-analiżi soċjoekonomika tal-benefiċċji u tal-kostijiet  
u l-valur miżjud Ewropew*

Abbażi tal-obiettivi li jinsabu fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-prinċipji sottostanti li tuża għall-valutazzjoni tal-analiżi soċjoekonomika tal-benefiċċji u tal-kostijiet u l-valur miżjud Ewropew f'relazzjoni mal-proġetti ta' interess komuni, li għalihom hu meħtieġ finanzjament mill-Unjoni.

### *Artikolu 52*

#### *Proċedura tal-kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita b'kumitat. Il-kumitat għandu jkun kumitat fi ħdan l-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att implimentattiv u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika.

*Artikolu 53*  
*Eżerċitar ta' delega*

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti ddelegati qiegħda tingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmin fl-Artikolu 49(4) u (6) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin, minn ...\*. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix din l-estensjoni mhux iktar minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 49(4) u (6) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata f'dan. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

---

\* ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 49(4) u (6) jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li huma ma joġġezzjonawx. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### *Artikolu 54*

##### *Rieżami*

1. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni, wara li kkonsultat kif xieraq mal-Istati Membri u bl-assistenza tal-Koordinaturi Ewropej, għandha twettaq rieżami tal-implimentazzjoni tan-netwerk ewlieni, li tevalwa:
- (a) il-konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament;
  - (b) il-progress fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;
  - (c) il-bidliet fil-flussi tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija;
  - (d) l-iżviluppi fl-investiment tal-infrastruttura nazzjonali tat-trasport;
  - (e) il-ħtieġa għal emendi għal dan ir-Regolament.

Il-valutazzjoni għandha wkoll tikkunsidra, fost l-oħrajn, l-impatt tal-iżvilupp tax-xejriet tat-traffiku u l-iżviluppi rilevanti fil-pjanijiet tal-investment tal-infrastruttura.

Flimkien mat-twettiq ta' dak ir-rieżami, il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tivvaluta jekk taqsimiet ġodda, bħal ċerti proġetti transkonfinali ta' prijorità tal-imgħoddi elenkati fid-Deċizzjoni Nru 661/2010/UE għandhomx jiġu inklużi fin-netwerk ewlieni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta legiſlattiva jekk ikun il-każ.

2. Meta tagħmel dak ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk in-netwerk ewlieni kif previst f'dan ir-Regolament hux ser jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III sal-2030 waqt li jittieħed kont tas-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja fl-Unjoni u fl-Istati Membri indiviwali. Il-Kummissjoni għandha tevalwa wkoll, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, jekk in-netwerk ewlieni għandux jiġi modifikat biex jittieħed kont tal-iżviluppi fil-flussi tat-trasport u fl-ippjanar tal-investment nazzjonali. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għall-emendar ta' dan ir-Regolament.

Għal dik il-proposta, il-Kummissjoni tista' wkoll tispeċifika d-data għat-tlestija tan-netwerk komprensiv kif stabbilit fl-Artikolu 9(2).

### *Artikolu 55*

#### *Awtorità ta' Kuntatt Uniku*

L-Istati Membri jistgħu jaħtru Awtorità ta' Kuntatt Uniku bil-għan li tiffaċilita u tikkoordina l-proċess tal-għoti ta' permessi għal proġetti ta' interess komuni, b'mod partikolari proġetti transkonfinali, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni applikabbli.

### *Artikolu 56*

#### *Dewmien fit-tlestija tan-netwerk ewlieni*

Fl-eventwalità ta' dewmien sinifikanti fil-bidu jew fit-tlestija tax-xogħol fuq in-netwerk ewlieni, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri kkonċernati jagħtu r-raġunijiet għad-dewmien. Dawn ir-raġunijiet għandhom jingħataw mill-Istati Membri fi żmien tliet xhur. Fuq il-bażi tat-tweġiba li tingħata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Istati Membri kkonċernati sabiex issolvi l-problema li tkun qiegħda tikkawża d-dewmien.

### *Artikolu 57*

#### *Eżenzjonijiet*

Id-dispożizzjonijiet relatati mal-linji ferrovjarji u b'mod partikolari ma' kwalunkwe rekwiżit li jiġu konnessi l-ajruporti u l-porti mal-ferroviji m'għandhomx japplikaw għal Ċipru u Malta sakemm ma jkun hemm ebda sistema ferrovjarja stabbilita fit-territorju tagħhom.

## *Artikolu 58*

### *Dispożizzjonijiet transizzjonali*

1. Deċiżjonijiet dwar il-finanzjament adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, abbażi tad-Deċiżjoni Nru 661/2010/KE, li huma fis-seħħ fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu soġġetti għad-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE fil-verżjoni fis-seħħ fi ....\*.
2. Referenzi għal 'proġetti ta' prijorità' elenkati fl-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE għandhom jinftiehem bħala referenzi għan-'network ewlieni' kif iddefinit f'dan ir-Regolament.

## *Artikolu 59*

### *Tħassir*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 58 ta' dan ir-Regolament u l-punt (d) tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru .../2013\*, id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE hija mħassra.

---

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

\* ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data: jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

\* ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 76/13.

*Artikolu 60*  
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*